Il-Kummissjoni
Ewropea



# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali

## Rapport Finali

#VirtualWorldsEU

PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ DWAR ID-DINJIET VIRTWALI

Il-manuskritt tlesta f'Lulju 2023

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Ir-ritratti kollha © L-Unjoni Ewropea.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-68-06572-3 | doi:10.2775/907692 | NA-09-23-365-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-06575-4 | doi:10.2775/562143 | NA-09-23-365-MT-N |

# WERREJ

**1. Introduzzjoni** .......... **2**
**2. Karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali** .......... **5**
2.1. Għażla aleatorja u karatteristiċi demografiċi tal-parteċipanti tal-panel .......... 6
2.2. Kumitat għat-tmexxija .......... 9
2.3. Kumitat għall-għarfien .......... 10
2.4. Ċentru ta' għarfien u ta' informazzjoni .......... 11
2.5. Kelliema u esibituri .......... 11
2.6. Moderaturi ewlenin .......... 13
2.7. Faċilitaturi .......... 14
2.8. Osservaturi .......... 15
**3. Qafas metodoloġiku u sessjonijiet individwali** .......... **18**
3.1. Qafas metodoloġiku .......... 19
3.2. Sessjoni 1: proċess u outputs .......... 20
3.3. Sessjoni 2: proċess u outputs .......... 24
3.4. Sessjoni 3: proċess u outputs .......... 28
**4. Il-passi li jmiss** .......... **33**
**Annessi: Riżultati** .......... **36**
1. Il-valuri taċ-ċittadini u rakkomandazzjonijiet sħaħ .......... 37
2. Rakkomandazzjonijiet .......... 38
3. Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet .......... 61




# 1. Introduzzjoni




Fl-2023, il-Kummissjoni Ewropea laqqgħet tliet panels taċ-ċittadini Ewropej, li wieħed minnhom iddiskuta s-suġġett tad-"dinjiet virtwali". Kull wieħed mill-panels laqqa' flimkien sa 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru kollha tal-UE biex jiddeliberaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel il-proposti ewlenin tal-Kummissjoni. Il-panels iwettqu l-impenn espress mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 "Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa: Naqilbu l-viżjoni f'azzjoni konkreta" ([1]) u mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni.

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali kien it-tieni panel li tlaqqa', bi tliet sessjonijiet li saru bejn l-24 u s-26 ta' Frar, bejn l-10 u t-12 ta' Marzu u bejn il-21 u t-23 ta' April 2023. Id-dinjiet virtwali huma parti minn tranżizzjoni usa' lejn il-Web 4.0. Dawn joffru tip ġdid ta' esperjenza online permezz ta' realtà "virtwali", "imħallta" jew "awmentata". Bosta nies jemmnu li l-Web 4.0, li jibda b'dinjiet virtwali, jista' jkun innovazzjoni komparabbli għall-miġja tal-internet, fejn se jittrasforma l-mod kif naħdmu u nikkomunikaw ma' xulxin fil-futur. F'dawn l-aħħar ftit snin — u b'mod partikolari mill-pandemija tal-COVID-19 — bosta atturi pubbliċi u privati kienu qegħdin jinvestu b'mod massiv f'din ir-"realtà estiża", u dan qiegħed jaċċellera bidliet fil-postijiet tax-xogħol u fid-drawwiet personali tagħna.

Minkejja din iż-żieda fl-attenzjoni, trasformazzjoni bħal din ma sseħħx mil-lum għall-għada. Id-dinjiet virtwali se jieħdu bosta snin biex jiżviluppaw f'ambjent diġitali realistiku u ta' kwalità għolja, u għad ma hemm l-ebda stampa ċara ta' x'jistgħu jsiru u x'għandhom isiru d-dinjiet virtwali. L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha ħadu impenn sabiex jisfruttaw il-potenzjal ta' din it-trasformazzjoni u jifhmu l-opportunitajiet tagħha, iżda wkoll ir-riskji u l-isfidi li ġġib, filwaqt li jissalvagwardjaw id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej. F'dan il-kuntest, il-parteċipanti tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali ġew mistednin iwieġbu l-mistoqsija li ġejja: **"Liema viżjoni, prinċipji, u azzjonijiet għandhom jiggwidaw l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali mixtieqa u ġusti?"** B'mod aktar speċifiku, iċ-ċittadini ntalbu jiżviluppaw sett ta' prinċipji u ta' azzjonijiet ta' gwida għall-iżvilupp ta' dinjiet virtwali fl-UE.

Il-panel iddiskuta firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet fir-rigward tal-opportunitajiet u tal-isfidi tad-dinjiet virtwali. Il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet jikkontribwixxu u se jikkontribwixxu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: Vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss" u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha.

Abbażi tal-materjali tal-informazzjoni, l-inputs tal-esperti, u d-dibattiti fil-gruppi ta' ħidma u fil-plenarja, il-parteċipanti fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali identifikaw u taw prijorità lil kwistjonijiet rilevanti għall-proposta ta' politika l-ġdida tal-Kummissjoni; dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali, u jistabbilixxi l-qafas metodoloġiku tiegħu, il-mod kif id-dibattiti ġew iffaċilitati, l-outputs tat-tliet sessjonijiet u l-passi li jmiss.

([1]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — "Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa: Naqilbu l-viżjoni f'azzjoni konkreta" (COM(2022) 404 final) (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52022DC0404).


d'un
seul
geste




# 2. Karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali

## 2.1. GĦAŻLA ALEATORJA U KARATTERISTIĊI DEMOGRAFIĊI TAL-PARTEĊIPANTI TAL-PANEL

Il-parteċipanti fil-panel taċ-ċittadini ġew irreklutati permezz ta' għażla aleatorja biex jiġi żgurat approċċ ġust, konsistenti u affidabbli għall-għażla tal-individwi, kif meħtieġa għal proċessi parteċipattivi bħal dawn. Ir-reklutaġġ sar minn **Kantar Public**, bis-sostenn ta' 27 aġenzija nazzjonali ta' reklutaġġ. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-parteċipanti ġew reklutati bit-telefown (intervisti bit-telefown assistiti b'kompjuter), bl-użu ta' telefonati diġitali aleatorji. Madankollu, f'xi pajjiżi oħrajn, intużaw metodi wiċċ imb wiċċ (intervistar personali assistit bil-kompjuter) jew għażla aleatorja minn panel probabilistiku online (il-Lussemburgu biss). Ir-rata medja ta' aċċettazzjoni madwar l-UE kienet ta' 4.46 %, b'varjazzjoni bejn l-Istati Membri.

### Tabella 1: In-numru ta' parteċipanti fil-panel għal kull Stat Membru

| PAJJIŻ | IN-NUMRU FIL-MIRA TA' PARTEĊIPANTI GĦAL KULL SESSJONI | IN-NUMRU ATTWALI TA' PARTEĊIPANTI GĦAL KULL SESSJONI | | |
|---|---|---|---|---|
| | | SESSJONI 1 | SESSJONI 2 | SESSJONI 3 |
| Il-Belġju | 5 | 5 | 5 | 4 |
| Il-Bulgarija | 4 | 3 | 4 | 4 |
| Iċ-Ċekja | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Id-Danimarka | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Il-Ġermanja | 19 | 18 | 16 | 13 |
| L-Estonja | 2 | 2 | 2 | 1 |
| L-Irlanda | 3 | 3 | 2 | 3 |
| Il-Greċja | 5 | 5 | 5 | 4 |
| Spanja | 12 | 11 | 11 | 11 |
| Franza | 15 | 14 | 12 | 12 |
| Il-Kroazja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| L-Italja | 15 | 13 | 13 | 12 |
| Ċipru | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Latvja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Litwanja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Lussemburgu | 2 | 1 | 1 | 0 |
| L-Ungerija | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Malta | 2 | 2 | 2 | 2 |
| In-Netherlands | 6 | 6 | 6 | 5 |
| L-Awstrija | 4 | 4 | 4 | 4 |
| Il-Polonja | 10 | 10 | 10 | 10 |
| Il-Portugall | 5 | 2 | 2 | 2 |
| Ir-Rumanija | 7 | 7 | 7 | 7 |
| Is-Slovenja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Is-Slovakkja | 3 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Finlandja | 3 | 3 | 3 | 3 |
| L-Iżvezja | 5 | 5 | 5 | 5 |
| **Total** | **150** | **139** | **135** | **127** |

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-numru mmirat ta' membri tal-panel taċ-ċittadini madwar l-Istati Membri tal-UE (kwoti tal-pajjiżi) u n-numru attwali tal-parteċipanti għal kull sessjoni. L-għan kien li jintlaħaq livell ta' rappreżentanza tal-Istati Membri tal-UE li jkun proporzjonali għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, ibbilanċjat b'minimu ta' żewġ ċittadini għal kull pajjiż ([2]). Fi kliem ieħor, ġew stabbiliti miri għoljin għal pajjiżi b'popolazzjonijiet kbar bħall-Ġermanja (19-il ċittadin), filwaqt li ġew mistiedna żewġ ċittadini minn Malta u tnejn mil-Lussemburgu. B'mod ġenerali, kien hemm livell tajjeb ta' attendenza, li b'mod ġenerali rrifletta l-miri stabbiliti. Għal 23 mis-27 Stat Membru tal-UE, il-miri tal-parteċipazzjoni ntlaħqu. B'mod ġenerali, mill-150 ċittadin mistiedna, 140 ħadu sehem f'mill-inqas waħda mis-sessjonijiet.

Sabiex jiġi żgurat li l-panel jirrifletti d-diversità tal-popolazzjoni tal-UE bl-aħjar mod possibbli, il-kwoti fil-mira għall-parteċipanti ġew iddefiniti skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi ppreżentati fl-illustrazzjoni 1 (l-ishma tal-parteċipanti jirreferu għall-140 ċittadin li fil-fatt attendew għal mill-inqas waħda mis-sessjonijiet). Eċċezzjoni waħda kienet l-għażla li ż-żgħażagħ jiġu rrappreżentati iktar billi terz tal-panel jiġi rreklutat mill-kategorija 16–25 minkejja li dan il-grupp ta' età jirrappreżenta inqas minn 33 % tal-popolazzjoni Ewropea ([3]).

### Illustrazzjoni 1: Il-kompożizzjoni demografika tal-panel.







([2]) Il-kwoti tal-pajjiżi ġew iġġenerati permezz tas-sistema ta' proporzjonalità digressiva, li tintuża wkoll biex jiġi kkalkolat in-numru ta' siġġijiet għal kull Stat Membru fil-Parlament Ewropew.

([3]) Bħala medja, dan il-grupp ta' età jirrappreżenta 10.6 % tal-popolazzjoni tal-UE (https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/TPS00010/default/table?lang=en&category=demo.demo_ind).


Distribuzzjoni tal-età bejn is-sessjonijiet
40%
35%
30%
25%
20%
15%
10%
5%
0%
34%
33%
33%
33%
34%
33%
33%
33%
33%
35%
32%
33%
16-25 sena
26-55 sena
55+ sena
Sessjoni 1
Sessjoni 2
Sessjoni 3
Mira


Distribuzzjoni tal-parteċipanti skont il-livell ta' edukazzjoni
70
60
50
40
30
20
10
0
60
58
53
60
55
54
52
58
24
23
22
32
Lawrja + (terzjarja)
Sekondarja
Primarju jew xejn
Sessjoni 1
Sessjoni 2
Sessjoni 3
Mira






## 2.2. KUMITAT GĦAT-TMEXXIJA

Il-Kumitat għat-Tmexxija fassal, organizza u wettaq il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali. Il-Kumitat iltaqa' darba fil-ġimgħa biex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet kunċettwali u organizzazzjonali, inklużi kwistjonijiet relatati mal-metodoloġija, mal-loġistika u mal-baġit. Dan kien magħmul minn impjegati taċ-ċivil mill-Kummissjoni Ewropea u mill-kuntratturi. Min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, żewġ direttorati ġenerali kkontribwew għall-ħidma tal-Kumitat għat-Tmexxija: id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija (DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija), responsabbli għat-teknoloġiji u l-inizjattivi interattivi relatati mad-dinjiet virtwali, inkluża l-inizjattiva mhux leġiżlattiva li jmiss; u d-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ Komunikazzjoni), inkarigat mill-fażi l-ġdida tal-involviment taċ-ċittadini u b'mod aktar partikolari responsabbli għall-metodoloġija u l-organizzazzjoni tal-panels taċ-ċittadini Ewropej.

Il-kuntratturi ħadmu flimkien biex ifasslu u jimplimentaw din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' panels taċ-ċittadini Ewropej. Ir-reklutaġġ taċ-ċittadini sar minn **Kantar Public**. **VO Europe,** u **MCI** kienu responsabbli għall-komunikazzjoni ma' u għall-assistenza tal-parteċipanti ċittadini u għall-aspetti organizzazzjonali kollha tat-tliet sessjonijiet. Barra minn hekk, it-tim internazzjonali magħmul minn **Missions Publiques** (Franza), **ifok** (il-Ġermanja), id-**Danish Board of Technology Foundation** (id-Danimarka) u **Deliberativa** (Spanja) laqqa' flimkien esperti biex ifasslu u jiffaċilitaw il-proċess deliberattiv. Is-sħab tat-Tim ta' Deliberazzjoni qasam l-għarfien prattiku tiegħu biex jitfassal kemm il-proċess parteċipattiv ġenerali kif ukoll il-metodoloġija għal kull sessjoni, flimkien mad-DĠ Komunikazzjoni u mad-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija. It-Tim ta' Deliberazzjoni kien responsabbli għall-abbozzar ta' nota kunċettwali, li tiddeskrivi l-mandat tal-panel, flimkien mad-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija u mad-DĠ Komunikazzjoni, u għall-istabbiliment tal-Kumitat għall-Għarfien konsultattiv. Barra minn hekk, bis-sostenn tad-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija u tal-Kumitat għall-Għarfien, huwa rrekluta u informa lill-kelliema li għenu liċ-ċittadini biex jifhmu l-kwistjoni fil-kumplessità tagħha u jindirizzaw il-mistoqsijiet taċ-ċittadini matul it-tliet sessjonijiet. Barra minn hekk, it-Tim ta' Deliberazzjoni kkoordina l-komunikazzjonijiet maċ-ċittadini u mat-tim ta' appoġġ fuq il-post, wettaq il-moderazzjoni ewlenija u l-faċilitazzjoni tal-grupp ta' ħidma u ssorvelja r-rappurtar tar-riżultati.




## 2.3. KUMITAT GĦALL-GĦARFIEN

L-involviment tal-Kumitat għall-Għarfien magħmul minn esperti fil-qasam tad-dinjiet virtwali saħħaħ l-integrità tal-proċess deliberattiv billi ggarantixxa l-kwalità, l-oġġettività, id-diversità u l-fehim tal-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini. Ir-rwol tal-Kumitat għall-Għarfien kien li jipproduċi u li jipprovdi għarfien u għarfien espert biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha u biex jiġu ffaċilitati d-diskussjonijiet bejniethom. Dan sar permezz ta', fost approċċi oħra, l-abbozzar ta' kitt ta' informazzjoni, li tqassam liċ-ċittadini qabel l-ewwel sessjoni. Il-kontribut fattwali tal-politika ġie żviluppat f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kumitat għat-Tmexxija.

Il-Kumitat għall-Għarfien għen ukoll lit-Tim ta' Deliberazzjoni biex jidentifika sinjali dgħajfa (eż. nuqqas ta' dibattitu, kwistjonijiet trażversali u aspetti moħbijin fi ħdan id-deliberazzjonijiet taċ-ċittadini (eż. sovrapożizzjonijiet possibbli bejn l-ideat u l-inizjattivi eżistenti tal-UE u/jew oqsma li fihom l-azzjoni proposta ma hijiex neċessarjament sostnuta minn evidenza). Il-membri tiegħu kienu involuti wkoll fil-verifika tal-fatti u wieġbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini matul u wara s-sessjonijiet, appoġġati miċ-Ċentru ta' Għarfien u ta' Informazzjoni (KIC), li involva wkoll esperti oħrajn mill-Kummissjoni u lil hinn minnha. Barra minn hekk, il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien sostnew lit-Tim ta' Deliberazzjoni fl-isforzi tiegħu biex jgħaqqad l-outputs *interim* taċ-ċittadini f'kategoriji ewlenin ta' azzjoni, infurmati mill-għarfien u mill-esperjenza tagħhom tad-dinjiet virtwali.

Il-Kumitat għall-Għarfien kien magħmul minn ħames membri magħżula mill-Kumitat għat-Tmexxija, abbażi tal-kriterji li ġejjin: għarfien espert li jkopri varjetà wiesgħa ta' oqsma ta' għarfien; rikonoxximent wiesa' tal-għarfien prattiku u l-esperjenza tagħhom fil-qasam, fost l-akkademiċi, il-partijiet ikkonċernati u l-pari; il-kapaċità li jifhmu, jirrikonoxxu u jikkomunikaw fehmiet differenti dwar it-tema, inklużi kompromessi possibbli; u d-diversità f'termini ta' ġeneru, ta' nazzjonalità u ta' affiljazzjonijiet. Barra minn hekk, esperta mid-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija introduċiet għarfien dwar il-politika tal-UE.

Il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien kienu:

- **Fabien Bénétou**, konsulent ta' WebXR;
- **Cathrine Hasse**, l-Università ta' Aarhus;
- **Mariëtte van Huijstee**, l-Istitut ta' Rathenau;
- **Rehana Schwinninger-Ladak**, il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija;
- **Frank Steinicke**, l-Università ta' Hamburg;
- **Sara Lisa Vogl**, Women in Immersive Technologies Europe WIIT.

## 2.4. ĊENTRU TA’ GĦARFIEN U TA’ INFORMAZZJONI

Il-KIC ġie stabbilit biex iwieġeb għall-mistoqsijiet u għat-talbiet għal kjarifika mibgħuta miċ-ċittadini matul id-deliberazzjonijiet tagħhom. Il-membri tal-KIC inkludew esperti mid-DĠ Komunikazzjoni u mid-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija kif ukoll il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien u esperti oħrajn. Matul it-tliet sessjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali, il-KIC irċieva aktar minn 150 mistoqsija bil-miktub, li 30 minnhom twieġbu bil-miktub bejn is-sessjonijiet 1 u 2, filwaqt li l-mistoqsijiet li jifdal ġew indirizzati direttament mill-membri tal-Kumitat għall-Għarfien matul il-plenarji u l-gruppi ta’ ħidma. Fit-tielet sessjoni, il-membri tal-KIC għamlu interventi qosra fit-12-il grupp ta’ ħidma biex jiċċaraw kwalunkwe kwistjoni li kien fadal qabel iċ-ċittadini fformulaw ir-rakkomandazzjonijiet finali tagħhom.

## 2.5. KELLIEMA U ESIBITURI

Minbarra l-membri tal-Kumitat għall-Għarfien, il-partijiet ikkonċernati u l-esperti ġew mistiedna jippreżentaw il-pożizzjonijiet u l-esperjenzi differenti tagħhom fir-rigward tad-dinjiet virtwali. Matul l-ewwel sessjoni, ġiet organizzata wirja biex tippermetti lill-parteċipanti jsiru aktar familjari ma’ użi possibbli differenti tar-realtà virtwali u awmentata. Barra minn hekk, ġiet organizzata reċta teatrali improvizzata biex tagħti ħajja lill-utopji u lid-distopji differenti fformulati miċ-ċittadini. Il-kelliema pprovdew informazzjoni dwar l-impatti tar-realtà virtwali u awmentata fuq l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. Huma ddiskutew ukoll l-importanza li jiġu involuti bosta atturi u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi possibbli. Il-Kumitat għall-Għarfien żgura li l-għarfien ippreżentat liċ-ċittadini kien ibbilanċjat, adegwat u rappreżentattiv biżżejjed tal-pożizzjonijiet ewlenin ta’ dawk li jfasslu l-politika u tal-partijiet ikkonċernati fl-UE. It-Tabella 2 telenka l-kelliema li tkellmu matul is-sessjonijiet.



## Tabella 2: Kelliema tas-sessjoni u stands għall-wirjiet

| SESSJONI 1 | |
|---|---|
| **Rimarki tal-ftuħ** | **Dubravka Šuica**, il-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Pia Ahrenkilde Hansen**, id-Direttur Ġenerali, DĠ Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Yvo Volman**, id-Direttur tad-*Data*, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| **Esperti tal-Kummissjoni Ewropea** | **Rehana Schwinninger-Ladak**, il-Kap tal-Unità, Teknoloġiji Interattivi, il-Qasam Diġitali għall-Kultura u l-Edukazzjoni, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Anne Bajart**, id-Deputat Kap tal-Unità, Teknoloġiji Interattivi, il-Qasam Diġitali għall-Kultura u l-Edukazzjoni, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Gaëtane Ricard-Nihoul**, id-Deputat Kap tal-Unità, l-Unità tad-Djalogu maċ-Ċittadini, DĠ Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea |
| **Il-Kumitat għall-Għarfien** | **Fabien Bénétou**, espert indipendenti ta' WebXR |
| | **Cathrine Hasse**, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Aarhus |
| | **Mariëtte van Huijstee**, l-Istitut Rathenau |
| | **Frank Steinicke**, l-Università ta' Hamburg |
| | **Sara Lisa Vogl**, artista tar-realtà virtwali, Women in Immersive Technologies Europe |
| **Stands tal-wirjiet u grupp teatrali** | D'un seul geste |
| | XR Intelligence |
| | Popul-AR |
| | CartoonBASE |
| | Innov4Events |
| | Lenovo |
| | Il-Mużewijiet Irjali tal-Belle Arti tal-Belġju/ VR-Hut |
| | L-Istitut Rathenau |
| | Film tar-Realtà Virtwali tan-Nazzjonijiet Uniti "Clouds over Sidra" |
| | Ligue d'improvisation belge — Ligue d'impro ASBL |
| **SESSJONI 2** | |
| **Esperti tal-Kummissjoni Ewropea** | **Renate Nikolay,** id-Deputat Direttur Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Yvo Volman**, id-Direttur tad-*Data*, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Rehana Schwinninger-Ladak**, il-Kap tal-Unità, Teknoloġiji Interattivi, il-Qasam Diġitali għall-Kultura u l-Edukazzjoni, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| **Esperti u prattikanti esterni** | **Matthias C. Kettemann**, l-Istitut ta' Leibniz |
| | **Elisa Lironi**, is-Servizz ta' Azzjoni għaċ-Ċittadini Ewropej |
| | **Eric Marchiol**, Renault |
| | **Harmen Van Sprang**, Sharing Cities Alliance |
| | **Bruno Thomas**, Konsorzju Internazzjonali tal-Ġurnalisti Investigattivi |
| **Il-Kumitat għall-Għarfien** | **Fabien Bénétou**, espert indipendenti ta' WebXR |
| | **Cathrine Hasse**, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Aarhus |
| | **Mariëtte van Huijstee**, l-Istitut Rathenau |
| | **Frank Steinicke**, l-Università ta' Hamburg |
| | **Sara Lisa Vogl**, artista tar-realtà virtwali, Women in Immersive Technologies Europe |

| SESSJONI 3 | |
|---|---|
| **Esperti tal-Kummissjoni Ewropea** | **Roberto Viola**, id-Direttur Ġenerali, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Anne Bajart**, id-Deputat Kap tal-Unità, Teknoloġiji Interattivi, il-Qasam Diġitali għall-Kultura u l-Edukazzjoni, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Menno Cox**, il-Kap tas-Settur għall-Aspetti Globali tas-Servizzi Diġitali, is-Servizzi u l-Pjattaformi Diġitali, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Adelina Cornelia Dinu**, Uffiċjal tal-Proġetti, Teknoloġiji Interattivi, Diġitali għall-Kultura u l-Edukazzjoni, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |
| **Esperti u prattikanti esterni** | **Svenja Falk**, Accenture |
| | **Sarah Nicole**, L-Istitut McCourt |
| | **Alexandros Vigkos**, Ecorys |
| **Il-Kumitat għall-Għarfien** | **Fabien Bénétou**, espert indipendenti ta' WebXR |
| | **Mariëtte van Huijstee**, l-Istitut Rathenau |
| **Rimarki tal-għeluq** | **Dubravka Šuica**, il-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, il-Kummissjoni Ewropea |
| | **Thomas Skordas**, id-Deputat Direttur Ġenerali, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea |

## 2.6. MODERATURI EWLENIN

Żewġ moderaturi ewlenin iggwidaw liċ-ċittadini fit-tliet sessjonijiet kollha u mexxew id-diskussjonijiet plenarji. Ipprovdew informazzjoni dwar l-għan ġenerali tal-panel u l-metodoloġija tas-sessjonijiet individwali, kif ukoll dwar l-aspetti organizzazzjonali tas-sessjonijiet. Il-moderaturi ewlenin iffaċilitaw ukoll id-dibattiti bejn il-kelliema esperti, żguraw li l-għarfien ġie pprovdut b'mod ġust u imparzjali matul id-diskussjonijiet u ffaċilitaw sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet bejn il-kelliema u ċ-ċittadini u interazzjonijiet bejn il-moderaturi u ċ-ċittadini dwar il-kontenut u l-proċess. Barra minn hekk, il-moderaturi ewlenin għaqqdu r-riżultati kollha fil-plenarja finali ta' kull sessjoni. Il-moderaturi ewlenin kienu:

- **Jennifer Rübel**, ifok;
- **Antoine Vergne**, Missions Publiques.

## 2.7. FAĊILITATURI

Iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma, kull wieħed minnhom iffaċilitat u assistit minn żewġ membri tat-Tim ta' Deliberazzjoni: faċilitatur b'esperjenza u assistent. Il-kompitu tal-faċilitaturi kien li jmexxu d-diskussjonijiet fis-sessjonijiet tal-grupp ta' ħidma u jippermettu fluss tax-xogħol bla xkiel billi:

- jistabbilixxu atmosfera amikevoli u b'rispett reċiproku, jippromwovu kontribuzzjonijiet mill-parteċipanti kollha;
- jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkunu ġew infurmati dwar il-proċess ġenerali u jiggwidawhom fil-ħidma fi grupp;
- jiżguraw li jkunu ntlaħqu l-objettivi tas-sessjonijiet tal-grupp ta' ħidma, jiġifieri, il-faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta' kunflitti u ta' nuqqas ta' qbil bejn iċ-ċittadini u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' dibattitu u ta' kunsens bejn iċ-ċittadini;
- iżommu l-ħin, jieħdu noti u jikkonsolidaw l-outputs ta' deliberazzjoni f'dokumenti ta' ħidma multilingwi u interkonnessi;
- jgħaddu t-talbiet li jagħmlu ċ-ċittadini fil-gruppi ta' ħidma lit-tim ta' sostenn jew l-esperti, pereżempju billi jiġbru kummenti jew mistoqsijiet pendenti;
- jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' għoti ta' informazzjoni mat-Tim ta' Deliberazzjoni.

Il-faċilitaturi b'esperjenza u professjonisti kienu impjegati minn **Missions Publiques**, **ifok**, jew mill fondazzjoni **Danish Board of Technology**. Waqt id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma, dawn kienu appoġġati minn assistenti ta' faċilitazzjoni, fil-parti l-kbira studenti u trainees ibbażati fi Brussell. Il-faċilitaturi u l-assistenti kollha segwew l-istess struzzjonijiet, ipprovduti fi gwida ta' faċilitazzjoni u f'dokument ta' implimentazzjoni (wieħed għal kull sessjoni). Huma kienu involuti f'żewġ laqgħat apposta ta' informazzjoni u f'taħriġ qabel kull sessjoni.





## 2.8. OSSERVATURI

Numru limitat ta' osservaturi tħallew isegwu l-ħidma ta' dan il-panel taċ-ċittadini. L-għan kien li jiġu pprovduti trasparenza u viżibbiltà għal dan il-format demokratiku innovattiv filwaqt li jiġi ppreservat spazju sikur għaċ-ċittadini parteċipanti, li huwa kruċjali għall-bini tal-fiduċja f'ambjent ta' dibattitu. L-osservaturi tħallew jattendu u jsegwu d-diskussjonijiet fil-plenarja u fis-sessjonijiet tal-gruppi ta' ħidma. In-numru massimu ta' osservaturi permess għal kull sessjoni tal-grupp ta' ħidma kien ta' tlieta.

L-osservaturi interni ġew ukoll mis-sħab u mill-istituzzjonijiet organizzattivi (eż. persunal intern mid-DĠ Komunikazzjoni, mid-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija u minn direttorati ġenerali oħra u mill-istituzzjonijiet tal-UE). L-osservaturi esterni kienu jinkludu riċerkaturi (minn universitajiet jew minn gruppi ta' riflessjoni), atturi tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Bil-kunsens ta' dawk ikkonċernati, l-osservaturi esterni setgħu jwettqu intervisti maċ-ċittadini għal finijiet ta' riċerka biss, jekk dan ma kienx se jfixkel il-proċedimenti tal-bordijiet.




European Citizens Panel
virtual worlds
Have Your Say



# 3. Qafas metodoloġiku u sessjonijiet individwali




## 3.1. QAFAS METODOLOĠIKU

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali kien jikkonsisti fi tliet sessjonijiet, kull waħda b'għanijiet differenti.

- Fl-ewwel sessjoni (fuq il-post fi Brussell), il-parteċipanti ġew introdotti għall-kwistjoni inkwistjoni, u setgħu jsiru jafu lil xulxin u jibnu sens ta' komunità u fiduċja. Huma rċevew l-inputs tal-esperti inizjali u kellhom l-opportunità li jesperjenzaw is-suġġett biex jiġi kkunsidrat mill-panel permezz ta' wirja dwar id-dinjiet virtwali. Dawn irriflettew l-esperjenza tagħhom b'"id-dinja diġitali", u ħolqu l-utopji u d-distopji bħala l-viżjonijiet tagħhom tal-futur.
- It-tieni sessjoni kienet sessjoni online u ffukat fuq il-bini ta' fehim aktar profond tal-kwistjoni. L-għan ewlieni tas-sessjoni kien li tħeġġeġ l-iskambju ta' ideat u ta' perspettivi fost il-parteċipanti, li jiġu identifikati oqsma ta' kunsens u nuqqas ta' qbil, u li jiġu fformulati l-ewwel ideat għal punti ta' azzjoni f'erba' blokok tematiċi separati. Element partikolarment innovattiv ta' din is-sessjoni kien li hija stess saret permezz ta' pjattaforma virtwali (Hyperfair).
- It-tielet u l-aħħar sessjoni (fuq il-post fi Brussell) kienet iddedikata għat-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-ideat u fuq l-għarfien miksubin fl-ewwel żewġ sessjonijiet u kienet sostnuta minn aktar kontributi mill-esperti. It-tielet sessjoni żgurat li l-panel taċ-ċittadini pproduċa sett finali ta' valuri u ta' prinċipji, u rakkomandazzjonijiet konkreti li jistgħu jingħaddu lill-Kummissjoni u jiġu kondiviżi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

### Illustrazzjoni 2: Il-fluss metodoloġiku ġenerali tas-sessjonijiet tal-panel.

**Sessjoni 1**
Il-ħolqien ta' viżjonijiet ta' dinjiet virtwali ġusti u mixtieqa

**Sessjoni 2**
L-identifikazzjoni tal-valuri ewlenin u tal-azzjonijiet ewlenin

**Sessjoni 3**
Il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini

Matul is-sessjonijiet tal-panel, kien hemm żmien biżżejjed għall-bini tat-timijiet u għal skambji fost it-timijiet, kemm matul is-sessjonijiet plenarji kif ukoll matul il-ħidma fi grupp. L-istruttura tas-sessjonijiet tfasslet biex tħeġġeġ l-interazzjoni fost il-parteċipanti u biex tiżgura li l-ilħna kollha jinstemgħu. Hekk kif is-sessjonijiet tal-panel taċ-ċittadini saru f'ambjent multilingwi, iċ-ċittadini dejjem setgħu jitkellmu bil-lingwa materna tagħhom, iffaċilitati b'servizzi ta' interpretazzjoni. Il-gruppi ta' ħidma kienu magħmulin b'mod li ppermetta diversità ġeografika suffiċjenti, b'taħlita ta' parteċipanti minn pajjiżi akbar u iżgħar u li jitkellmu massimu ta' ħames lingwi differenti li ġew ragruppati flimkien. Il-faċilitaturi setgħu jmexxu d-diskussjoni bil-lingwa materna tagħhom jew bl-Ingliż.

## 3.2. SESSJONI 1: PROĊESS U OUTPUTS

Matul l-ewwel sessjoni, li saret bejn l-24 u s-26 ta' Frar 2023 fi Brussell, iċ-ċittadini ġew introdotti għas-suġġett u bnew viżjoni komuni ta' kif għandhom ikunu d-dinjiet virtwali mixtieqa u ġusti (utopji) u kif ma għandhomx ikunu (distopja).

### Jum 1 (il-Ġimgħa, l-24 ta' Frar)

Bl-24 ta' Frar jimmarka l-ewwel sena sa mill-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, il-panel beda b'mument iddedikat għat-testimonjanzi minn ħames ċittadini tal-Ukrajna li qasmu l-esperjenzi personali tagħhom tul is-sena li għaddiet. Il-kommemorazzjoni nfetħet mill-Viċi President **Dubravka Šuica**.

Wara dan, iċ-ċittadini ntlaqgħu mill-moderaturi ewlenin u mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea **Pia Ahrenkilde Hansen**, Direttur Ġenerali, DĠ Komunikazzjoni, u **Yvo Volman**, Direttur tad-*Data*, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, li taw ħarsa ġenerali lejn il-mandat tal-panel. Introduzzjoni oħra ġiet ipprovduta minn **Gaëtane Ricard-Nihoul** (DĠ Komunikazzjoni), li fil-qosor ippreżentat l-istituzzjonijiet tal-UE u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u dak leġiżlattiv. Wara dan, **Rehana Schwinninger-Ladak** (DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija) introduċiet is-suġġett tad-"dinjiet virtwali" f'aktar dettall.

Wara l-plenarja, iċ-ċittadini pparteċipaw f'wirja li fiha setgħu jesperjenzaw każijiet ta' użu konkreti ta' dinjiet virtwali. Dawn irriflettew ukoll fuq l-aktar avvenimenti, memorji, u aħbarijiet importanti fir-rigward tal-esperjenza tagħhom tad-dinja diġitali, kemm fil-ħajja personali tagħhom kif ukoll għas-soċjetajiet Ewropej kollha kemm huma, permezz ta' eżerċizzju li matulu l-parteċipanti ġew mistiedna joħolqu skeda ta' żmien komuni.



## Jum 2 (is-Sibt, il-25 ta' Frar)

Fit-tieni jum, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il sessjoni ta' gruppi ta' ħidma paralleli. Matul l-ewwel slot tal-ġurnata, id-diskussjonijiet fi grupp iffukaw l-esperjenzi mgħoddija taċ-ċittadini relatati mad-dinjiet diġitali u virtwali, fejn setgħu jiddiskutu l-perċezzjonijiet, il-biżgħat u t-tamiet tagħhom. Wara l-ikla ta' nofsinhar, huma ħadmu fuq il-viżjonijiet tagħhom għall-futur tad-dinjiet virtwali. Biex jagħmlu dan, l-ewwel immaġinaw id-dinjiet virtwali Ewropej tal-2050 u l-impatti pożittivi u negattivi fuq l-aspetti differenti tal-ħajja taċ-ċittadini. Fl-aħħar tal-ġurnata, huma ppreżentaw din il-viżjoni ta' dinjiet virtwali futuri billi ħolqu żewġ collages li jirrappreżentaw il-viżjoni distopika tagħhom u l-viżjoni utopika tal-futur.



## Jum 3 (il-Ħadd, is-26 ta' Frar)

Fit-tielet jum, il-grupp irrifletta fuq il-viżjonijiet żviluppati matul il-jum ta' qabel. Huma ddiskutew ukoll liema għarfien ikunu jeħtieġu biex jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet b'saħħithom għall-Kummissjoni Ewropea. Wara waqfa għall-kafè, iċ-ċittadini kollha reġgħu lura fil-plenarja, u tliet gruppi ntgħażlu b'mod aleatorju biex jippreżentaw il-viżjoni tagħhom lill-parteċipanti kollha. Imbagħad, il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien wieġbu għall-mistoqsijiet li għamlu ċ-ċittadini matul id-diskussjonijiet tal-grupp ta' ħidma. Biex jikkomplementaw it-tweġibiet tagħhom, grupp ta' kummidjanti wkoll irreaġixxa għall-mistoqsijiet. Dan ippermetta li l-ambitu tat-tweġibiet jiġi kkomplementat b'approċċ inqas xjentifiku u razzjonali, iżda b'kuntatt aktar dirett u emozzjonali mas-suġġetti u mal-mistoqsijiet li saru. Il-moderaturi ewlenin taw ir-rimarki finali u sellmu lil kulħadd.



# AĠENDA GĦAS-SESSJONI 1

L-aġenda formali għas-sessjoni 1 hija murija fit-Tabella 3.

## Tabella 3: Aġenda għas-sessjoni 1

| Il-Ġimgħa (l-24 ta' Frar 2023) | PLENARJA — CHARLEMAGNE, IL-KAMRA ALCIDE DE GASPERI |
|---|---|
| 12:30–14:30 | *Wasla u ikla ta' nofsinhar* |
| 14:30–15:00 | **Kliem ta' merħba u l-mument tal-Ukrajna** |
| 15:00–15:25 | **Diskorsi ta' merħba u introduzzjoni għall-panel taċ-ċittadini** |
| 15:30–15:45 | **Spunt tal-bidu li jqanqal il-parteċipazzjoni** |
| 15:45–16:00 | **Introduzzjoni għas-suġġett tal-panel** |
| 16:00–16:30 | *Waqfa* |
| 16:30–17:00 | Introduzzjoni għall-wirja u għall-eżerċizzju tal-iskeda ta' żmien |
| 17:00–19:00 | **Format imħallat: ħidma fil-plenarja (il-kamra Gasperi) u wirja (ċentru tal-viżitaturi) b'mod parallel**<br>Nofs il-parteċipanti jibqgħu fil-plenarja; in-nofs l-ieħor jattendu l-wirja. Bidla wara siegħa. |
| **Is-Sibt (il-25 ta' Frar 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** |
| 9:30–11:00 | **Riflessjonijiet u kondiviżjoni tal-esperjenzi** |
| 11:00–11:30 | *Waqfa* |
| 11:30–12:30 | **Dinjiet virtwali: X'nafu** |
| 12:30–14:00 | *Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar* |
| 14:00–15:45 | **Żviluppar ta' viżjonijiet** |
| 15:45–16:15 | *Waqfa* |
| 16:15–18:00 | **Żviluppar ta' viżjonijiet** |
| **Il-Ħadd (is-26 ta' Frar 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA U PLENARJA** |
| 9:15–10:15 | **Gruppi ta' ħidma: ġbir ta' mistoqsijiet** |
| 10:15–11:15 | *Waqfa u trasferiment tal-gruppi lejn Charlemagne* |
| 11:15–11:45 | **Plenarja: preżentazzjoni tal-viżjonijiet mill-gruppi** |
| 11:45–13:15 | **Plenarja: laqgħa ta' diskussjoni u reċta** |
| 13:15–13:30 | **Preżentazzjoni tal-pjattaforma Hyperfair u mistoqsijiet** |
| 13:30–13:45 | **Konklużjoni** |

## 3.3. SESSJONI 2: PROĊESS U OUTPUTS

It-tieni sessjoni tal-panel saret online bejn l-10 u t-12 ta’ Marzu 2023, fuq il-pjattaforma immersiva Hyperfair. Abbażi tal-eżiti tas-sessjoni 1, il-Kumitat għall-Għarfien identifika erba’ temi trażversali ta’ interess għaċ-ċittadini:

1. l-ekonomija, l-impjiegi u n-negozji (inklużi l-apprendiment u l-ħiliet),
2. is-sikurezza u s-sigurtà (il-kriminalità — iċ-ċibersigurtà; *data* u diġitali; is-sikurezza/is-sigurtà personali),
3. is-saħħa u l-benesseri / l-ambjent (is-saħħa mentali u fiżika),
4. is-soċjetà (l-inklużività, l-aċċessibbiltà, id-demokrazija).

L-għan ta’ din is-sessjoni kien li tinbeda l-ħidma fuq il-valuri u l-azzjonijiet li jistgħu jiggwidaw il-bini tad-dinjiet virtwali Ewropej ġusti u mixtieqa.

### Jum 1 (il-Ġimgħa l-10 ta’ Marzu)

Fl-ewwel jum, iċ-ċittadini ngħataw merħba għal plenarja virtwali fuq il-Pjattaforma Hyperfair miż-żewġ moderaturi. Imbagħad, il-moderaturi spjegaw fil-qosor liċ-ċittadini x’kienet tinkludi l-aġenda għas-sessjoni 2, qabel ma sejħu lill-esperti biex jagħtu l-kontribut tagħhom dwar kull wieħed mill-erba’ suġġetti.

**Blokka tematika 1.** L-ekonomija, l-impjiegi u n-negozji (inklużi l-apprendiment u l-ħiliet):

→ **Harmen Van Sprang**, Alleanza tal-Bliet għall-Kondiviżjoni,

→ **Eric Marchiol**, Renault.

**Blokka tematika 2.** Is-sikurezza u s-sigurtà (il-kriminalità — iċ-ċibersigurtà; *data* u diġitali; is-sikurezza/is-sigurtà personali):

→ **Mariëtte van Huijstee**, l-Istitut Rathenau, in-Netherlands,

→ **Fabien Bénétou**, l-espert indipendenti tal-WebXR, il-Belġju.




Kamra Plenarja fuq il-Pjattaforma Hyperfair

**Blokka tematika 3.** Is-saħħa u l-benesseri / l-ambjent (is-saħħa mentali u fiżika):

- **Sara Lisa Vogl**, artista tar-realtà virtwali, Women in Immersive Technologies Europe, id-Danimarka,
- **Bruno Thomas**, Konsorzju Internazzjonali tal-Ġurnalisti Investigattivi.

**Blokka tematika 4.** Is-Soċjetà: l-inklużività, l-aċċessibbiltà, id-demokrazija:

- **Elisa Lironi**, is-Servizz ta' Azzjoni għaċ-Ċittadini Ewropej,
- **Matthias C. Kettemann**, l-Istitut ta' Leibniz.

Wara dan il-kontribut, **Yvo Volman**, id-Direttur tad-*Data*, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, ippreżenta d-Dikjarazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji diġitali tal-UE liċ-ċittadini.

## Jum 2 (is-Sibt, il-11 ta' Marzu)

Fit-tieni jum, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il sessjoni ta' grupp ta' ħidma parallela, b'interpretazzjoni simultanja, iffaċilitati minn faċilitaturi b'esperjenza. Matul l-ewwel rawnd, kull grupp ħadem fuq id-"Dikjarazzjoni tad-Drittijiet u tal-Prinċipji Diġitali tal-UE" u identifika l-iktar tliet valuri importanti għalih. Matul it-tieni rawnd, kull blokka tematika ġiet assenjata lil tliet gruppi ta' ħidma li ntalbu jifformulaw sa tliet oqsma ta' azzjoni li jistgħu jgħinu biex jinkisbu d-dinjiet virtwali mixtieqa u ġusti. Matul it-tielet sal-ħames rawnds, il-gruppi taw il-kontribut tagħhom dwar il-blokok tematiċi l-oħra. Biex jagħmel dan, faċilitatur ippreżenta l-punti ta' azzjoni mħejjija minn grupp preċedenti. Il-grupp li rċieva dawn il-punti ta' azzjoni mbagħad ġabar is-suġġerimenti, il-kummenti u l-mistoqsijiet dwarhom għal siegħa, qabel ma għadda għal blokka tematika ġdida. Is-suġġetti diskussi mit-12-il sottogrupp huma murija fit-Tabella 4.



### Tabella 4: Suġġetti diskussi mit-12-il grupp ta' ħidma

| Numri tal-grupp | SUĠĠETT |
|---|---|
| 1, 2, 3 | L-ekonomija, l-impjiegi u n-negozji (inkluż l-apprendiment u l-ħiliet) |
| 4, 5, 6 | Is-sikurezza u s-sigurtà (il-kriminalità — iċ-ċibersigurtà; *data* u diġitali; is-sikurezza/ is-sigurtà personali) |
| 7, 8, 9 | Is-saħħa u l-benesseri / l-ambjent (is-saħħa mentali u fiżika) |
| 10, 11, 12 | Is-soċjetà (l-inklużività, l-aċċessibbiltà, id-demokrazija) |

## Jum 3 (il-Ħadd, it-12 ta' Marzu)



Fit-tielet jum, il-gruppi rċevew il-feedback miġbur matul is-sessjoni preċedenti, qabel ma ffinalizzaw il-valuri u l-oqsma ta' azzjoni li kienu bdew jaħdmu fuqhom.

Wara waqfa għall-kafè, iċ-ċittadini kollha nġabru fil-plenarja virtwali. L-ewwel, **Renate Nikolay**, id-Deputat Direttur Ġenerali, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, ipprovdiet liċ-ċittadini sfond ulterjuri dwar il-ħidma li għaddejja fil-Kummissjoni. Imbagħad, ir-rappreżentanti magħżula b'mod aleatorju ta' kull blokka tematika ppreżentaw il-punti ta' azzjoni tagħhom. Żewġ membri tal-Kumitat għall-Għarfien, **Rehana Schwinninger-Ladak** (DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija) u **Frank Steinicke** (Dipartiment tal-Informatika, Università ta' Hamburg), irreaġixxew għal dawk il-punti. Il-moderaturi ewlenin taw ir-rimarki finali u sellmu lil kulħadd.

# AĠENDA GĦAS-SESSJONI 2

L-aġenda formali għas-sessjoni 2 hija murija fit-Tabella 5.

### Tabella 5: Aġenda għas-sessjoni 2

| Il-Ġimgħa (l-10 ta' Marzu 2023) | PLENARJA |
|---|---|
| 14:10–14:25 | **Merħba u rieżami tal-output tas-sessjoni 1** |
| 14:25–14:50 | **Diskussjoni dwar is-suġġetti: l-ekonomija, l-impjiegi, in-negozju** |
| 14:50–15:10 | *Waqfa* |
| 15:10 –16:05 | **Diskussjoni dwar is-suġġetti: is-sikurezza u s-sigurtà, u s-saħħa u l-benesseri / l-ambjent** |
| 16:05–16:25 | *Waqfa* |
| 16:25–16:50 | **Diskussjoni dwar is-suġġetti: is-soċjetà: l-inklużjoni u l-aċċess** |
| 16:50–17:10 | *Waqfa* |
| 17:10–17:50 | **Preżentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet u tal-Prinċipji Diġitali tal-UE** |
| 17:50–18:00 | **Il-passi li jmiss u l-kummenti tal-għeluq** |
| **Is-Sibt (il-11 ta' Marzu 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** |
| 9:30–10:45 | **Blokka 1: il-valuri ewlenin tagħna għad-dinjiet virtwali Ewropej** |
| 10:45–11:15 | *Waqfa* |
| 11:15–12:30 | **Blokka 2: punti ta' azzjoni ewlenin għat-tema 1** |
| 12:30–14:00 | *Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar* |
| 14:00–15:05 | **Blokka 3: kontributi u punti ta' azzjoni għat-tema 2** |
| 15:05–15:20 | *Waqfa* |
| 15:20–16:25 | **Blokka 4: kontributi u punti ta' azzjoni għat-tema 3** |
| 16:25–16:55 | *Waqfa* |
| 16:55–18:00 | **Blokka 5: kontributi u punti ta' azzjoni għat-tema 4** |
| **Il-Ħadd (it-12 ta' Marzu 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** |
| 9:30–10:50 | **Il-klassifikazzjoni tal-valuri tal-metavers u l-punti ta' azzjoni ta' konsolidazzjoni** |
| | **PLENARJA** |
| 11:05–11:15 | **Diskussjoni ma' Renate Nikolay, id-Deputat Direttur Ġenerali tad-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, il-Kummissjoni Ewropea** |
| 11:10–12:05 | **Preżentazzjoni u sessjoni ta' kontributi 1** |
| 12:05–12:25 | *Waqfa* |
| 12:25–13:15 | **Preżentazzjoni u sessjoni ta' kontributi 2** |
| 13:15–13:25 | **Il-valuri taċ-ċittadini Ewropej għal metavers futur** |
| 13:25–13:30 | **Konklużjoni u rimarki tal-għeluq** |

## 3.4. SESSJONI 3: PROĊESS U OUTPUTS

Matul it-tielet sessjoni, mill-21 sat-23 ta' April 2023, iċ-ċittadini ffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Meta ltaqgħu wiċċ imb wiċċ fi Brussell, huma ddiskutew il-feedback u l-kontribut ipprovduti mill-kelliema u mill-Kumitat għall-Għarfien fil-gruppi ta' ħidma, qabel ma ffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet. F'valutazzjoni finali, kull ċittadin esprima l-livell ta' sostenntiegħugħalkullwaħdamir-rakkomandazzjonijiet.




Il-faċilitaturi jgħoddu l-voti matul id-diskussjoni dwar il-valuri.

## Jum 1 (il-Ġimgħa, il-21 ta' April)

Fl-ewwel jum, iċ-ċittadini ntlaqgħu fil-plenarja miż-żewġ moderaturi ewlenin. Imbagħad, il-moderaturi spjegaw fil-qosor liċ-ċittadini dwar l-aġenda għas-sessjoni 3 u ngħata diskors ta' merħba minn **Roberto Viola**, id-Direttur Ġenerali, DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija. Imbagħad, iċ-ċittadini ġew isseparati f'żewġ diskussjonijiet separati ta' nofs il-plenarja.

- L-ewwel diskussjoni ffukat fuq kwistjonijiet li l-parteċipanti kienu identifikaw matul it-tieni sessjoni u li kienu kruċjali għad-diskussjonijiet dwar ir-rakkomandazzjonijiet finali. L-għan kien li l-grupp jaħseb dwar kwistjonijiet mhux solvuti dwar l-identità diġitali u l-mudelli ekonomiċi.
- It-tieni diskussjoni ffukat fuq il-valuri li ġew ippreżentati miċ-ċittadini fis-sessjoni preċedenti. L-għan kien li jingħataw l-opportunità li jirriflettu fuq dawk il-valuri qabel ma jibdew id-diskussjonijiet dwar ir-rakkomandazzjonijiet finali.

Dawn id-diskussjonijiet servew bħala bażi għad-deliberazzjonijiet tal-gruppi ta' ħidma fil-jum 2. L-għan kien li tiġi pprovokata diffikultà konjittiva, li tippermetti liċ-ċittadini jagħrfu l-kumplessità tal-kwistjoni inkwistjoni.

## Jum 2 (is-Sibt, it-22 ta' April)

Matul it-tieni jum, iċ-ċittadini ħadmu f'sottogruppi biex jiżviluppaw ir-rakkomandazzjonijiet finali tagħhom. L-esperti żaru l-gruppi ta' ħidma biex iwieġbu l-mistoqsijiet li kien fadal.



## Jum 3 (il-Ħadd, it-23 ta' April)



Fis-sessjoni plenarja finali, ir-relaturi għat-12-il grupp ta' ħidma ppreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet rispettivi tagħhom lill-panel taċ-ċittadini kollu, u ċ-ċittadini kellhom l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet biex jiċċaraw kwalunkwe inċertezza. Wara l-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha, iċ-ċittadini ntalbu jesprimu l-livell ta' appoġġ tagħhom għal kull rakkomandazzjoni, fuq skala minn 1 sa 6, bl-użu ta' karti tal-votazzjoni anonimi, b'1 li jfisser "Assolutament ma naqbilx" u 6 li jfisser "Assolutament naqbel".

# AĠENDA GĦAS-SESSJONI 3

L-aġenda formali għas-sessjoni 3 hija murija fit-Tabella 6.

### Tabella 6: Aġenda għas-sessjoni 3

| Il-Ġimgħa (il-21 ta' April 2023) | PLENARJA — CHARLEMAGNE, IL-KAMRA ALCIDE DE GASPERI |
|---|---|
| 13:00–14:30 | *Wasla u ikla ta' nofsinhar* |
| 14:30–14:50 | **Diskors ta' merħba** |
| 14:50–15:00 | **Kontribut mid-Direttur Ġenerali għad-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija Roberto Viola** |
| 15:00–15:20 | *Waqfa — tibdil tal-kamra* |
| 15:20–18:30 | **Nofs is-seduta plenarja**<br>Nofs il-parteċipanti jaħdmu fuq tensjonijiet (mudelli ekonomiċi / identità diġitali)<br>Nofs il-parteċipanti jaħdmu fuq il-valuri<br>Imbagħad jaqilbu |
| **Is-Sibt (it-22 ta' April 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** |
| 9:30–11:00 | **Sessjoni 1: minn punti ta' azzjoni għal rakkomandazzjonijiet** |
| 11:00–11:30 | *Waqfa* |
| 11:30–13:00 | **Sessjoni 2: kontribut espert u sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet fi gruppi** |
| 13:00–14:30 | *Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar* |
| 14:30–16:00 | **Sessjoni 3: rieżami tal-ħidma ta' grupp ieħor** |
| 16:00–16:30 | *Waqfa* |
| 16:30–18:00 | **Sessjoni 4: finalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet** |
| **Il-Ħadd (it-23 ta' April 2023)** | **PLENARJA** |
| 9:30–11:15 | **Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet** |
| 11:15–11:45 | *Waqfa* |
| 11:45–12:30 | **Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet** |
| 12:30–13:30 | **Riżultati tal-votazzjoni**<br>**Diskors tal-għeluq mid-DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija u mill-Viċi President Dubravka Šuica**<br>**Konklużjoni u saħħiet** |
| 13:30–13:40 | *Ritratt tal-grupp* |

Il-panel taċ-ċittadini pproduċa 23 rakkomandazzjoni, li rċevew livelli simili ħafna ta' appoġġ matul il-votazzjoni finali fl-aħħar jum. Ir-rakkomandazzjonijiet sħaħ, inkluż it-titlu, il-korp tat-test ewlieni u l-ġustifikazzjoni, jistgħu jinstabu fl-anness 2.



# 4. Il-passi li jmiss



Fil-ħidma tagħhom biex jiżviluppaw ir-rakkomandazzjonijiet, iċ-ċittadini wrew **livell għoli ta' impenn u ta' involviment** u rnexxielhom jistabbilixxu verżjoni orjentata lejn il-futur għad-dinjiet virtwali, minkejja l-kumplessità u n-novità ta' suġġett li fih ħafna varjabbli għadhom ma humiex magħrufa. Matul l-ewwel laqgħa tal-panel, huma pparteċipaw f'wirja li fiha setgħu jitgħallmu aktar u jesperjenzaw eżempji konkreti u jużaw każijiet ta' dinjiet virtwali filwaqt li s-sezzjoni online stess twettqet permezz ta' pjattaforma virtwali tad-dinjiet.

It-23 rakkomandazzjoni ta' dan il-panel — kif elenkati fl-anness — jieħdu **approċċ sistemiku wiesa'** u jindirizzaw il-feġġa tad-dinjiet virtwali b'mod aktar ġenerali. Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini jenfasizzaw li l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet, fuq il-liġijiet u fuq il-valuri diġitali tal-UE, u b'hekk jimmira għal dinjiet virtwali inklużivi, aċċessibbli, trasparenti u sostenibbli. Pereżempju, jirrakkomandaw azzjoni biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għad-dinjiet virtwali għal kulħadd, jitolbu formoli ta' kunsens tad-*data* li jkunu faċli għall-utent u jenfasizzaw l-importanza tal-użu tal-enerġija ekoloġika fil-proċess tal-iżvilupp. Iċ-ċittadini enfasizzaw ukoll il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni mill-qrib fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-atturi akkademiċi, kummerċjali u leġiżlattivi. Permezz tal-istabbiliment ta' standards ibbażat fuq il-valuri demokratiċi, iċ-ċittadini esprimew it-tama ċara li l-**Ewropa ssir attur globali b'saħħtu** fuq dinjiet virtwali ġodda, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tfassil ta' normi globali.

Ir-rakkomandazzjonijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa ta' **approċċ ibbażat fuq l-evidenza** biex jiggwida l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali **ffukati fuq il-bniedem**, li jenfasizza l-importanza tar-riċerka biex jiġu evalwati l-impatti fuq is-saħħa u fora parteċipattivi inklużivi biex jiġu stabbiliti standards komuni. Ir-rakkomandazzjonijiet jirrikonoxxu bl-istess mod l-importanza tas-**sensibilizzazzjoni, tal-edukazzjoni u tal-litteriżmu diġitali taċ-ċittadini**.

Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini jassoċjaw id-dinjiet virtwali mal-ħtieġa ta' politiki li jgħinu biex jinħatfu l-opportunitajiet u jiġu indirizzati l-isfidi. Pereżempju, is-**suq tax-xogħol għandu jqis l-ispeċifiċitajiet tad-dinjiet virtwali** biex jibbenefika bis-sħiħ mill-opportunitajiet ta' negozju diġitali. Id-dinjiet virtwali għandhom ikunu kompatibbli mal-għan usa' tal-**ekonomija ċirkolari**, u l-azzjonijiet relatati għandhom jindirizzaw kemm ir-responsabbiltà tal-industrija kif ukoll taċ-ċittadini. Fl-istess ħin, iċ-ċittadini qattgħu wkoll ħin sinifikanti biex jiddiskutu aspetti tas-sikurezza u tas-sigurtà, inklużi l-infurzar tal-liġi, il-privatezza u l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli. Iċ-ċittadini jixtiequ dinjiet virtwali li jiġu **mmonitorjati kif xieraq** għal imġiba antisoċjali u għall-kriminalità, u li ma jitħalliex f'idejn pjattaformi kbar ħafna biex jirregolaw lilhom infushom.

Xi rakkomandazzjonijiet jirriflettu l-**ħidma reċenti u kontinwata** tal-Kummissjoni Ewropea mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali, u jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa ta' azzjoni fil-livell tal-UE f'dan il-qasam. Leġiżlazzjoni





riċenti (bħall-Att dwar il-Governanza tad-*Data*, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) kif ukoll leġiżlazzjoni proposta (bħall-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, u l-Att dwar id-*Data*) jirriflettu sew il-ħtiġijiet tas-salvagwardji u l-kundizzjonijiet ġusti tas-suq imressqa miċ-ċittadini filwaqt li jiżguraw li trasformazzjoni diġitali sostenibbli u ffukata fuq il-bniedem hija l-objettiv ewlieni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet il-koalizzjoni Industrijali tar-Realtà Virtwali u Awmentata f'Settembru 2022. Din tiffaċilita d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, u tgħin biex tinforma t-tfassil tal-politika u tidentifika sfidi u opportunitajiet ewlenin għas-settur Ewropew tar-realtà virtwali/ir-realtà awmentata (VR/AR).

Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini jindikaw ukoll **punti għal kunsiderazzjoni ulterjuri**, bħas-sejħa għas-sigurtà tad-*data* personali. Filwaqt li diġà teżisti leġiżlazzjoni Ewropea ġenerali dwar is-suġġett (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR)), l-impatt tad-dinjiet virtwali fuq l-użu ta' tipi ġodda ta' *data* bħal dik bijometrika, jista' jiġi kkunsidrat ulterjorment fil-ħidma tal-Kummissjoni.

Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini **jiżvelaw ukoll xi oqsma ta' azzjoni futura possibbli** mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u minn atturi oħrajn. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet miċ-ċittadini, fil-**Komunikazzjoni** dwar "Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: Vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss", il-Kummissjoni tipproponi għadd ta' azzjonijiet li jwieġbu għat-tħassib taċ-ċittadini.

Fid-dawl tal-kompetenzi tal-Unjoni u tar-riżorsi disponibbli, l-azzjonijiet imressqa fil-Komunikazzjoni jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin: ir-Rakkomandazzjoni 4 (Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tad-Dinjiet Virtwali), ir-Rakkomandazzjoni 5 (Fora parteċipattivi għal żviluppi, regolamenti u standards konġunti), ir-Rakkomandazzjoni 10 (Taħriġ tal-għalliema dwar id-Dinjiet Virtwali u għodod diġitali), ir-Rakkomandazzjoni 14 (Dinjiet virtwali — ejjew nibnu futur b'saħħtu flimkien b'mod responsabbli!), ir-Rakkomandazzjoni 23 (L-UE bħala attur/pijunier b'saħħtu fid-Dinjiet Virtwali). Xi rakkomandazzjonijiet imressqa qegħdin jiġu żviluppati f'oqsma differenti ta' ħidma bħar-Rakkomandazzjoni 19 (L-UE teħtieġ li tiżviluppa regolamenti dwar l-identità diġitali) mal-proposta għall-Identità Diġitali. L-azzjonijiet imħabbra għandhom l-għan li jrawmu approċċ konġunt mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex ikomplu **jibnu s-sensibilizzazzjoni** u **jappoġġaw l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali aċċessibbli, miftuħa, sikuri u sostenibbli**; li jkun hemm informazzjoni u għodod faċli għall-utent għaċ-ċittadini biex jimmaniġġaw l-**identitajiet virtwali**, id-*data* u l-assi virtwali meta jużaw id-dinjiet virtwali, jiġu appoġġati r-riċerka u l-iżvilupp Ewropej, jiġu appoġġati standards miftuħa u fehim aħjar tal-impatt tad-dinjiet virtwali fuq is-saħħa u fuq il-benesseri.

L-eżitu tal-panel se jappoġġa l-ħidma ġenerali tal-Kummissjoni u jista' **jservi wkoll bħala gwida biex jgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw azzjonijiet ta' politika relatati mad-dinjiet virtwali**. Fir-rigward tat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni Ewropea, ir-rakkomandazzjonijiet jikkomplementaw ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li saret mill-Kummissjoni u jipprovdu punt ta' referenza għall-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni u l-azzjoni futura. Il-ħidma mwettqa miċ-ċittadini hija **sors prezzjuż ta' ispirazzjoni** u kontribut rilevanti għas-snin li ġejjin u se **tikkontribwixxi għall-proposti ta' ħidma u ta' politika tagħha** b'rabta mad-dinjiet virtwali emerġenti. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet jipprovdu bażi siewja għal azzjonijiet mill-bosta partijiet ikkonċernati involuti fl-iżvilupp ta' dinjiet virtwali ġodda. Iċ-ċittadini jinżammu infurmati dwar l-iżviluppi ewlenin fid-dinjiet virtwali, bħall-adozzjoni tal-inizjattiva u inizjattivi ġodda li jirriżultaw mill-ħidma tagħhom fil-panel.

# Annessi: Riżultati



# 1. IL-VALURI TAĊ-ĊITTADINI U RAKKOMANDAZZJONIJIET SAĦAĦ

## Tmien valuri u prinċipji taċ-ċittadini għal dinjiet virtwali Ewropej mixtieqa u ġusti

**1 LIBERTÀ TAL-GĦAŻLA**
L-użu ta' dinjiet virtwali huwa għażla ħielsa għall-individwi — mingħajr żvantaġġi għal dawk li mhux qed jipparteċipaw.

**2 SOSTENIBBILTÀ**
L-istabbiliment u l-użu ta' dinjiet virtwali ekoloġiċi.

**3 IL-BNIEDEM FIĊ-ĊENTRU**
L-iżvilupp teknoloġiku u r-regolamentazzjoni ta' dinjiet virtwali qed jaqdu u jirrispettaw il-ħtiġijiet, id-drittijiet u l-aspettattivi tal-utenti.

**4 SAĦĦA**
Is-saħħa fiżika u mentali tal-bniedem bħala pilastru fundamentali għall-iżvilupp u għall-użu ta' dinjiet virtwali.

**5 EDUKAZZJONI U LITTERIŻMU**
L-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-ħiliet dwar kif jintużaw id-dinjiet virtwali jitpoġġew fiċ-ċentru tal-iżvilupp tad-dinjiet virtwali.

**6 SIKUREZZA U SIGURTÀ**
Iċ-ċittadini Ewropej jeħtieġ li jinżammu sikuri u siguri, inkluża l-protezzjoni tad-data, u l-prevenzjoni tal-manipulazzjoni u s-serq.

**7 TRASPARENZA**
**1) Regolamenti** trasparenti qed jipproteġu lin-nies, lid-*data* personali tagħhom, lis-saħħa psikoloġika u fiżika tagħhom.
**2)** L-**użu tad-*data*** (minn partijiet terzi) huwa trasparenti.

**8 INKLUŻJONI**
L-għoti ta' aċċessibilità ugwali għaċ-ċittadini kollha — irrispettivament mill-età, mid-dħul, mill-ħiliet, mid-disponibbiltà teknoloġika, mill-pajjiż, eċċ.

Hawn taħt hawn ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-valuri li sar waqt it-tielet sessjoni tal-Panel taċ-Ċittadini, nhar il-Ġimgħa, 21 ta' April. F'dan l-eżerċizzju, iċ-ċittadini ntalbu jassenjaw tnejn mit-tmien valuri u prinċipji taċ-ċittadini (ara hawn fuq) għal kull wieħed mit-12-il suġġett użat biex jiġu elaborati r-rakkomandazzjonijiet finali. Dan l-eżerċizzju tfassal bħala mod biex il-parteċipanti jgħaqqdu x-xogħol li kienu għamlu qabel fuq il-valuri u l-prinċipji, mad-diskussjonijiet tagħhom dwar ir-rakkomandazzjonijiet. Ma huwiex riżultat uffiċjali tal-panel iżda pjuttost pass fil-proċess ta' ħsieb tal-parteċipanti, li kellu l-għan li jħeġġiġhom "jgħaqqdu l-punti" bejn it-tliet livelli tal-mandat li kellhom jaħdmu fuqhom: il-valuri, il-prinċipji u l-azzjonijiet.

| Nru | SUĠĠETT | VALUR RELATAT |
|---|---|---|
| 1 | Dinjiet virtwali fis-swieq tax-xogħol u tal-impjiegi | Edukazzjoni u Litteriżmu, Saħħa, Sostenibbiltà |
| 2 | Appoġġ għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali | Edukazzjoni u Litteriżmu, Sostenibbiltà, Trasparenza |
| 3 | Pubbliku u privat: klassifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' dinjiet virtwali | Sikurezza u Sigurtà, il-Bniedem fiċ-Ċentru, is-Saħħa |
| 4 | *Data* f'Dinjiet Virtwali: użu u protezzjoni | Sikurezza u Sigurtà, il-Bniedem fiċ-Ċentru, Edukazzjoni u Litteriżmu |
| 5 | Aġenzija ċentrali u l-pulizija għal dinjiet virtwali | Sikurezza u Sigurtà, il-Bniedem fiċ-Ċentru, Edukazzjoni u Litteriżmu |
| 6 | Apprendiment u edukazzjoni dwar dinjiet virtwali | Sostenibbiltà, Saħħa, Edukazzjoni u Litteriżmu |
| 7 | Sostenibbiltà ambjentali u klimatika | Trasparenza, Inklużjoni, Edukazzjoni u Litteriżmu |
| 8 | Aġenda tal-impatt fuq is-saħħa u r-riċerka għal dinjiet virtwali | Inklużjoni, Edukazzjoni u Litteriżmu, Sostenibbiltà |
| 9 | Kondiviżjoni tal-informazzjoni u sensibilizzazzjoni | Il-Bniedem fiċ-Ċentru, is-Sostenibbiltà, is-Sikurezza u s-Sigurtà |
| 10 | Identità diġitali f'dinjiet virtwali | Sikurezza u s-Sigurtà, il-Bniedem fiċ-Ċentru, il-Libertà tal-Għażla |
| 11 | Konnettività u aċċess għal dinjiet virtwali | Saħħa, Libertà tal-Għażla, Sostenibbiltà |
| 12 | Kooperazzjoni u standards internazzjonali | Iċċentrata fuq il-Bniedem, is-Sikurezza u s-Sigurtà, is-Saħħa |

# 2. RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONIJIET FINALI

## Suġġett: Dinjiet virtwali fis-swieq tax-xogħol u tal-impjiegi

### Rakkomandazzjoni 1

### Swieq tax-xogħol fid-dinjiet virtwali Ewropej

**Xiex**

Bil-leġiżlazzjoni eżistenti tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri bħala l-punt ta' tluq tagħna, nirrakkomandaw li l-leġiżlazzjoni għad-dinjiet virtwali Ewropej tiġi vvalutata, u fejn meħtieġ, tiġi aġġustata u armonizzata.

**Min**

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lil dawk li jridu aċċess għas-suq tax-xogħol virtwali Ewropew.

**Kif**

Din il-leġiżlazzjoni pereżempju tirrigwarda l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-dritt taċ-ċittadini għal perjodi ta' pawża u għall-iskonnessjoni, l-assistenza għal telf ta' impjieg minħabba d-dinjiet virtwali, l-inklużjoni taċ-ċittadini (jiġifieri, l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà, u ta' dawk li ma għandhomx ħiliet diġitali).

Din il-leġiżlazzjoni għandha tillimita l-aċċess għas-suq tal-UE għal dawk il-pajjiżi li ma jirrispettawx il-liġijiet tax-xogħol tal-UE. Dan ifisser li ma jkunux jistgħu jipprovdu servizzi ta' metavers (jiġifieri, tħaddim u monitoraġġ) fi ħdan is-suq uniku Ewropew, biex jipproteġu lill-ħaddiema Ewropej u jippreservaw is-suq uniku.

**Ġustifikazzjoni**

Għandek tappoġġa din ir-rakkomandazzjoni għaliex se tagħmel is-suq tax-xogħol Ewropew sikur. Għandha l-għan li tiddefendi ċerti valuri u prinċipji Ewropej rigward id-drittijiet u l-protezzjonijiet tax-xogħol. Dan se jiżgura wkoll li l-istandards għoljin tax-xogħol tal-Ewropa jiġu rispettati u esportati globalment.



## Rakkomandazzjoni 2

## Il-ħolqien ta' taħriġ armonizzat għax-xogħol fid-dinjiet virtwali

### Xiex

Bil-għan ta' ugwaljanza u inklużjoni għall-Ewropej kollha, nirrakkomandaw l-għoti ta' taħriġ u titjib tal-ħiliet fid-dinjiet virtwali, li huma ffinanzjati mill-Ewropa u armonizzati madwar l-Unjoni Ewropea.

### Min

Din ir-rakkomandazzjoni għandha l-għan li tipproteġi lill-ħaddiema Ewropej.

### Kif

Nipproponu l-armonizzazzjoni tat-taħriġ fl-Istati Membri Ewropej kollha. Filwaqt li jirrikonoxxi l-kuntesti nazzjonali, it-taħriġ għandu jkollu l-għan li jinkludi b'mod ġenerali l-istess kontenut u għandu jsegwi l-istess qafas madwar il-pajjiżi Ewropej. Għandu jkun hemm ċertifikazzjoni u rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki.

### Ġustifikazzjoni

Għandek tappoġġa din ir-rakkomandazzjoni għaliex se tiggarantixxi li l-ħaddiema jaċċettaw id-dinjiet virtwali. Nixtiequ nipproteġu s-suq tax-xogħol Ewropew u nippreservaw l-impjiegi Ewropej. Dawk li l-impjiegi tagħhom saru obsoleti minħabba d-dinjiet virtwali għandhom jirċievu biżżejjed taħriġ, appoġġ u kwalifiki mill-ġdid biex jadattaw għar-realtà l-ġdida.



# Suġġett: L-appoġġ għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 3

## Rieżami regolari tal-linji gwida rilevanti eżistenti tal-UE għad-dinjiet virtwali

### Xiex

Nirrakkomandaw rieżami perjodiku, u aġġornament, tal-linji gwida eżistenti tal-UE fir-rigward tal-istandards etiċi u teknoloġiċi, u l-adattament u l-applikazzjoni tagħhom għad-dinjiet virtwali.

### Min

Il-Kummissjoni Ewropea, b'mod aktar preċiż, id-DĠ CNECT, huwa responsabbli għall-proċess ta' rieżami. F'dan il-proċess, irid jitqies il-kontribut tal-esperti. Fl-aħħar nett, ir-riżultati jiġu sottomessi lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

### Kif

L-ewwel pass: id-definizzjoni tar-responsabbiltà fi ħdan DĠ CNECT

It-tieni pass: Id-DĠ CNECT jiddetermina liema linji gwida eżatti huma rilevanti u importanti għal dan il-proċess

It-tielet pass: rieżami ta' dawn il-linji gwida, filwaqt li jitqies il-kontribut tal-esperti

Ir-raba' pass: l-abbozzar ta' proposti għall-aġġustamenti ta' dawn il-linji gwida

Il-ħames pass: is-sottomissjoni tal-proposti lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni

Il-proċess kollu jiġi ripetut b'mod regolari, b'intervall ta' mhux aktar minn sentejn.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



## Rakkomandazzjoni 4

## Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tad-dinjiet virtwali

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li jiġi stabbilit kofinanzjament Ewropew għall-iżvilupp ta' bini sostenibbli u ċċentrat fuq l-utent tad-dinjiet virtwali u l-espansjoni tagħhom.

### Min

Il-Kummissjoni Ewropea bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

### Kif

L-ewwel pass: definizzjoni tal-kriterji għall-appoġġ.

It-tieni pass: għoti ta' finanzjament.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



# Suġġett: Pubbliku u privat: klassifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 5

## Fora parteċipattivi għal żviluppi, regolamenti u standards konġunti

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li l-kumpaniji, ir-riċerkaturi, u l-UE jaħdmu flimkien f'kollaborazzjoni mill-qrib biex jiżviluppaw u jirregolaw dinjiet virtwali f'konformità mal-valuri tal-UE.

### Min

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu f'idejha t-tmexxija dwar dan.

### Kif

Gruppi differenti ta' esperti (ir-riċerkaturi, il-partijiet ikkonċernati, il-leġiżlaturi, l-uffiċjali, iżda anke l-utenti) għandhom jiltaqgħu skont is-suġġetti bħall-edukazzjoni, is-saħħa mentali, eċċ. Din il-kollaborazzjoni għandha tkun istituzzjonalizzata, jiġifieri laqgħat regolari u ppreparati tajjeb b'input bil-quddiem, kif ukoll bħala skambju online dwar is-suġġetti. Il-kollaborazzjoni tista' tinvolvi wkoll finanzjament tal-UE għal negozji ġodda u oħrajn biex jiżviluppaw dinjiet virtwali skont il-valuri tal-UE, bħas-sikurezza u s-sigurtà (*data*), is-saħħa, l-umaniżmu, it-trasparenza, l-aċċess ugwali, u l-libertà.

### Ġustifikazzjoni

Leġiżlazzjoni komuni tiggarantixxi opportunitajiet ġusti u siguri għaċ-ċittadini kollha tal-UE biex jużaw u jipparteċipaw fid-dinjiet virtwali.



## Rakkomandazzjoni 6

## Ċertifikazzjoni tal-kumpanija u tal-utent għad-dinjiet virtwali

### Xiex

Nirrakkomandaw li jiġu stabbiliti istituzzjoni jew korp tal-UE, biex joħorġu u jivverifikaw iċ-ċertifikati għad-dinjiet virtwali u għall-individwi, fuq il-bażi tal-valuri tal-UE, u li għandhom jivverifikaw id-dinjiet virtwali u l-utenti ċċertifikati b'mod regolari.

### Min

L-istituzzjoni għandha tiġi stabbilita mill-UE u għandha tinvolvi l-kumpaniji u s-settur privat.

### Kif

Iċ-ċertifikati jkunu bbażati fuq standards komuni li jridu jiġu ddefiniti. Iċ-ċertifikati jistgħu jkunu differenti skont il-livell ta' użu ta' dinja virtwali. Pereżempju, l-istandards li jeħtieġ jiġu applikati għal-logħob tal-azzard ikunu differenti mill-istandards tal-banek online, u għalhekk iċ-ċertifikati jkunu differenti. Barra minn hekk, iċ-ċertifikati jistgħu japprovaw l-aċċessibbiltà, eż., għal persuni għomja. L-esperti għandhom ikunu involuti fil-formulazzjoni ta' standards bħal dawn, u jiddefinixxu wkoll qafas ta' żmien li fih iċ-ċertifikati għandhom jiġu rieżaminati.

### Ġustifikazzjoni

Korp indipendenti jiggarantixxi li l-valuri tal-UE jkunu jaderixxu mad-dinjiet virtwali użati miċ-ċittadini.



# Suġġett: *Data* f'Dinjiet Virtwali: użu u protezzjoni

## Rakkomandazzjoni 7

### "Kuritur", jew "grada" faċli għall-utent fil-metavers biex jagħti l-kunsens għall-użu ta' *data* magħżula

### Xiex

Nirrakkomandaw mekkaniżmu standardizzat u faċli għall-utent li jipprovdi trasparenza dwar id-*data* (min jiġbor id-*data*, għal xiex tintuża, kif tinħażen, u ma' min tiġi kondiviża), li permezz tiegħu jingħata permess għall-użu b'mod espliċitu.

### Min

Korp pubbliku, jew korp iffinanzjat pubblikament fil-livell tal-UE, li jista' jeżisti diġà: forsi korp anness mal-Parlament Ewropew, bħala forma diretta ta' rappreżentazzjoni tista' tkun preferuta.

### Kif

Hemm bżonn li jiġi spjegat liema *data* qed tinġabar mill-utenti fuq pjattaformi virtwali, u kif id-*data* se tiġi kondiviża u użata. Pereżempju, "bieb" kodifikat skont il-kulur fid-dinja virtwali 3D jindika l-użu tad-*data* f'termini ċari, qabel ma xi ħadd jidħol fi pjattaforma (bieb aħmar jindika li jista' jiġi kondiviż livell għoli ta' *data* sensittiva). In-nies għandu jkollhom l-għażla li jagħżlu kif se tintuża d-*data* tagħhom, kull fejn ikun possibbli. Dan il-mekkaniżmu għandu jkun obbligatorju u standardizzat għall-kumpaniji: biex niksbu dan, neħtieġu regolamenti ġodda, u mekkaniżmu mudell maħluq mill-UE li l-kumpaniji jkollhom jużaw.

### Ġustifikazzjoni

Ma nistgħux inwaqqfu d-*data* milli tintuża kompletament: dan jaffettwa b'mod drammatiku l-kompetittività tad-ditti. Fl-istess ħin, ma nistgħux fil-verità, nirrifjutaw li nagħtu xi informazzjoni, peress li l-attivitajiet kollha fil-metavers jistgħu jiġu pproċessati b'xi mod. Madankollu, għandu jkun hemm kunsens. Neħtieġu ċarezza dwar x'jintuża u kif jintuża, biex inkunu nistgħu nagħtu l-kunsens b'mod attiv għal dan l-użu.

Sfida: x'għandna nagħmlu b'*data* storika, li ngħatat lill-kumpaniji volontarjament, u li hija meħtieġa għall-innovazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni?



# Suġġett: L-aġenzija ċentrali u l-pulizija għal dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 8

## Pulizija biex taġixxi u tipproteġi fid-dinjiet virtwali

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li jkun hemm istituzzjoni internazzjonali tal-pulizija, b'aġenti speċjalizzati u mħarrġa: għandu jkun korp li jikkoopera ma' oħrajn, bħall-Europol u korpi nazzjonali.

### Kif

Hemm tliet oqsma ta' azzjoni distinti: reati "klassiċi" bħal dawk li jseħħu fid-dinja reali, tipi ta' imġiba mhux mixtieqa li żdiedu fid-dinjiet virtwali (mibegħda, bullying...) u protezzjoni kontra l-persuna stess. Għat-tieni kategorija, l-ewwel għandna nappoġġaw lill-persuna li taġixxi ħażin biex hi titgħallem mill-iżbalji tagħha. Meta l-imġiba tippersisti, irridu naġixxu malajr u gradwalment. F'xi punt, għandha ssir kundannabbli (minn sospensjoni għal tkeċċija definittiva). Għall-protezzjoni, kull meta l-pulizija tosserva lil xi ħadd b'imġiba perikoluża kontrih stess (bħal vizzju), il-pulizija għandha tagħti parir lill-persuna. Permezz ta' dan il-kontroll, il-pulizija se tkun qed tieħu ħsieb u tipprevjeni l-problemi. Barra minn hekk, irridu niftakru l-objettiv ewlieni tagħna, li huwa l-prevenzjoni permezz tal-edukazzjoni (pereżempju biex nitgħallmu użu sikur ta' dawn l-għodod).

### Ġustifikazzjoni

Is-setgħat ma għandhomx ikunu kollha f'idejn organizzazzjoni waħda. Ma jistax isir minn organizzazzjoni privata — jeħtieġ li l-korpi pubbliċi jaġixxu bħala pulizija. L-aspett ta' kooperazzjoni huwa kruċjali għal kwistjonijiet ta' trasparenza, kontroll trasversali, u rispett tal-organizzazzjonijiet nazzjonali (kull pajjiż għandu l-pulizija tiegħu). L-aspett internazzjonali huwa meħtieġ ukoll għaliex għodod online bħal dinjiet virtwali ma għandhomx fruntieri, għalhekk irridu nikkooperaw.



## Rakkomandazzjoni 9

## L-intelliġenza artifiċjali bħala appoġġ għall-pulizija fid-dinjiet virtwali

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fil-metavers biex tappoġġa lill-pulizija fil-prevenzjoni, fil-ġlieda kontra r-reati, u fil-kontroll ta' dak li qed jiġri f'dinjiet virtwali.

### Min

Id-definizzjoni u l-infurzar tal-prinċipji etiċi tal-IA għandhom jiġu stabbiliti minn korp pubbliku Ewropew indipendenti, bħal qorti kostituzzjonali.

### Kif

Il-prinċipji etiċi li jiddefinixxu din l-IA għandhom ikunu simili għal kostituzzjoni fid-demokrazija. Din il-kostituzzjoni se ssegwi prinċipji etiċi definiti demokratikament (biex jiġi evitat kull riskju li jinħoloq "big brother" — irridu nimpedixxu l-IA milli tinfluwenza l-imġibiet). Dawn il-prinċipji jridu jinżammu fit-tul u ma għandhomx ikunu taħt l-influwenza diretta ta' xi partit jew ta' persuna fil-poter.

### Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li l-IA tgħin lill-pulizija u mhux tissostitwixxiha. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni l-oħrajn tagħna, huwa importanti wkoll li din l-IA tkun iffinanzjata, proprjetà u ġestita pubblikament. L-ebda kumpanija privata ma tista' tkun inkarigata. Jekk irridu nipproduċuha u jekk ikollna bżonn ta' għarfien minn kumpaniji privati, nistgħu nikkuntrattawhom. Dawn iridu jaħdmu strettament abbażi ta' prinċipji etiċi definiti minn qabel. L-IA hija utli biex tgħin lill-pulizija taġixxi malajr u hija biss għodda waħda fost diversi.



# Suġġett: Apprendiment u edukazzjoni dwar dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 10

## Taħriġ għall-għalliema dwar id-dinjiet virtwali u l-għodod diġitali

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw lill-għalliema fl-UE biex jirċievu taħriġ dwar (1) l-użu prattiku ta' għodod diġitali, (2) ir-riskji, is-sikurezza, u l-etika fid-dinjiet virtwali, u (3) dwar opportunitajiet ġodda ta' apprendiment permezz ta' dinjiet virtwali.

### Min

L-UE timmira lejn l-Istati Membri u l-iskejjel biex ittejjeb l-edukazzjoni tal-istudenti.

### Kif

L-UE għandha toħroġ linji gwida b'saħħithom li jħeġġu lill-Istati Membri biex jinkludu "Korsijiet dwar id-dinjiet virtwali u l-għodod diġitali" fit-taħriġ nazzjonali tagħhom għall-għalliema. L-għalliema għandhom jirċievu wkoll korsijiet obbligatorji ta' "aġġornament" li jwasslu għal ċertifikat tal-UE (skont il-mudell taċ-ċertifikat tal-lingwa). Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ obbligatorju għandhom ikunu adattati għall-etajiet kollha u għandhom jinkludu s-suġġetti li ġejjin: l-etika, is-sigurtà online, il-ħakma tal-għodda diġitali u opportunitajiet ta' tagħlim tad-dinjiet virtwali. L-UE għandha tipprovdi dawn il-programmi ta' taħriġ lill-Istati Membri. Dawn l-għodod u l-opportunitajiet ta' tagħlim huma addizzjonali għall-kurrikuli tal-iskejjel, mhux sostituti ta' suġġetti oħra.

### Ġustifikazzjoni

It-taħriġ tal-għalliema jfisser li huma kapaċi jħarrġu lill-istudenti tagħhom u jżidu s-sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażagħ mill-bidu nett. Dan jgħin ukoll biex jitnaqqas id-distakk diġitali eżistenti bejn l-għalliema u l-istudenti. Aħna nemmnu li l-għoti ta' taħriġ dwar imġiba online sigura u dwar l-użu sigur ta' dinjiet virtwali jeħtieġ li jiġi mgħallem sa mill-iskola primarja. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu dan it-taħriġ tal-għalliema u joffru inċentivi permezz ta' ċertifikazzjoni tal-UE. L-UE għandha tipprovdi l-programm ta' taħriġ sabiex ikollha sistema standardizzata.



## Rakkomandazzjoni 11

## Aċċess bla ħlas għall-informazzjoni dwar l-għodod diġitali u d-dinjiet virtwali għaċ-ċittadini kollha tal-UE

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tiggarantixxi aċċess liberu u faċli għall-informazzjoni rilevanti dwar għodod diġitali u dwar dinjiet virtwali għaċ-ċittadini kollha.

### Min

L-UE għaċ-ċittadini kollha.

### Kif

Aħna nirrakkomandaw it-tnedija ta' sistema ta' komunikazzjoni permezz ta' media tradizzjonali (reklamar fuq it-TV, billboards) u l-ħolqien ta' pjattaforma ddedikata. Din il-"Pjattaforma tad-Dinjiet Virtwali Ewropej" għandha tiċċentralizza u tistandardizza l-informazzjoni rilevanti dwar għodod diġitali u dinjiet virtwali. Dawn is-sorsi ta' informazzjoni jridu jqajmu sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji ta' dinjiet virtwali u jenfasizzaw il-vantaġġi ta' dawn it-teknoloġiji ġodda.

### Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-UE taħdem favur l-istandardizzazzjoni tal-għarfien u l-aċċess għal dinjiet virtwali u għodod diġitali madwar l-UE. Ħafna ċittadini għadhom vulnerabbli meta jużaw dawn il-pjattaformi u soġġetti għal nies b'intenzjoni ħażina.



# Suġġett: Sostenibbiltà ambjentali u klimatika

## Rakkomandazzjoni 12

## Għal dinjiet virtwali ċirkolari: id-drittijiet u r-responsabbiltà taċ-ċittadini u tal-industriji

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li jiġu żviluppati azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-impronta ambjentali u li jiġi żgurat li t-tagħmir tad-dinjiet virtwali jkun parti mill-ekonomija ċirkolari. Il-leġiżlazzjoni dwar id-dinjiet virtwali trid tobbliga lill-atturi industrijali biex jipproduċu tagħmir riċiklabbli/riparabbli u tillimita kwistjonijiet dwar l-obsolexxenza.

### Min

- Il-Kummissjoni Ewropea (biex tiddefinixxi l-qafas)
- l-Istati Membri/reġjuni (biex jimplimentaw l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni),
- iċ-ċittadini Ewropej (ta' kull età peress li huma fil-mira ta' dawn il-miżuri),
- Kumpaniji li jipproduċu tagħmir tad-dinjiet virtwali (biex jintegraw il-prinċipji taċ-ċirkolarità fil-mudell tan-negozju tagħhom).

### Kif

B'mod aktar konkret, dawn l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni jridu jibdew mill-iskola. Il-Kummissjoni Ewropea trid tipprovdi qafas biex tagħti aċċess għal din l-informazzjoni dwar dinjiet virtwali u tagħmilha aktar aċċessibbli sabiex l-Istati Membri u r-reġjuni jkollhom jimplimentaw dawn il-programmi edukattivi.

Dan jista' jkun, pereżempju, l-istabbiliment ta' ċentri ta' taħriġ li jipprovdu korsijiet u joħorġu ċertifikati (wara "test" bħal liċenzja tas-sewqan) li l-istudenti jkollhom jgħaddu minnhom biex juru li huma infurmati dwar l-impatt ambjentali tad-dinjiet virtwali. In-nies għandhom jiġu mħarrġa u dawk li jridu jaċċessaw aktar informazzjoni għandhom jingħataw l-opportunità li jitgħallmu aktar. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun aċċessibbli faċilment.

Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dejjem se jkunu utli, iżda jridu jkunu segwiti minn strumenti vinkolanti bħal regolamenti. Huwa meħtieġ li jingħata ż-żmien lill-partijiet ikkonċernati tal-industrija biex ilestu ruħhom u jkollhom perjodu ta' tranżizzjoni konkret. Is-sensibilizzazzjoni għandha tkun immirata lejn il-konsumaturi, filwaqt li leġiżlazzjoni vinkolanti għandha tkun immirata lejn l-industrija.

### Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riċiklaġġ ta' tagħmir ta' metavers iżda li jinkludu wkoll iċ-ċiklu tal-ħajja tal-metavers kollu. Huwa meħtieġ li l-ħidma tibda minn kmieni ħafna; minn età bikrija (b'mod partikolari fl-iskola), iżda wkoll għall-anzjani. Din l-informazzjoni trid tkun personalizzata u adattata għall-udjenza fil-mira.

Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu segwiti minn leġiżlazzjoni koerenti biex il-partijiet ikkonċernati tal-industrija jiġu mġiegħla jipproduċu prodotti riċiklabbli/riparabbli u tiġi limitata l-obsolexxenza tal-prodotti tagħhom.



## Rakkomandazzjoni 13

## Dinjiet virtwali ekoloġiċi b'enerġija rinnovabbli u trasparenti

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li tiġi stabbilita sistema ta' penali u ta' premjijiet li għandhom jiġu imposti fuq il-kumpaniji li jaħdmu f'dinjiet virtwali, sabiex jiġi internalizzat il-kost ambjentali tat-tagħmir tagħhom.

### Min

- Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa qafas regolatorju xieraq.
- L-Istati Membri jipprovdu inċentivi finanzjarji sabiex iħeġġu lill-kumpaniji jadottaw soluzzjonijiet aktar sostenibbli fil-mudelli tan-negozju tagħhom.
- Il-kumpaniji li joperaw ċentri tad-*data* u jaħżnu *data* relatata mad-dinjiet virtwali fis-suq uniku tal-UE għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni. Dawn ikunu l-ewwel mira tar-rakkomandazzjoni.

### Kif

Il-Kummissjoni Ewropea għandha teħtieġ lill-kumpaniji li jmexxu ċentri tad-*data* u tagħmir relatat mad-dinjiet virtwali biex jikkumpensaw għall-enerġija li jużaw. Tista' tkun sistema simili għas-suq tal-karbonju, biex iġġiegħel lil dawn il-kumpaniji jħallsu għat-tniġġis li jarmu. Din is-soluzzjoni tista' tiġi segwita b'inċentivi finanzjarji biex il-kumpaniji jitħeġġu jsiru aktar sostenibbli u effiċjenti fl-enerġija. Għandha tiġi żviluppata sistema ta' monitoraġġ biex tiżgura implimentazzjoni effiċjenti.

Għandha tiġi proposta wkoll aktar trasparenza: il-konsumaturi jridu jkunu jistgħu jkunu jafu l-impronta ambjentali tal-użu tagħhom fid-dinjiet virtwali u jagħmlu għażliet infurmati. Dan jista' jsir permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni li l-kumpaniji għandhom ipoġġu fuq il-prodotti li huma jbigħu biex ikejlu l-livell ta' sostenibbiltà tagħhom, kif ukoll permezz ta' sistema ta' traċċabilità.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



# Suġġett: Aġenda tal-impatt fuq is-saħħa u r-riċerka għal dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 14

### Dinjiet virtwali — ejjew nibnu futur san flimkien b'mod responsabbli!

#### Xiex

Aħna nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi programm ta' riċerka intensiva dwar l-impatt ta' dinjiet virtwali fuq saħħitna.

#### Min

Kull Stat Membru jrid jistabbilixxi kumitat ta' esperti fuq livell nazzjonali, f'kollaborazzjoni ma' korp tal-UE. L-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fil-finanzjament ta' dawn il-programmi ta' riċerka.

Esperti indipendenti minn oqsma differenti ta' għarfien (psikoloġija, newroloġija, xjenza konjittiva, soċjoloġija, eċċ.) jistgħu jaħdmu f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' esperti li diġà qed jaħdmu fuq is-suġġett fl-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati ewlenin fis-settur privat. Dan jista' jsir permezz ta' assoċjazzjoni Ewropea speċjalizzata li tiltaqa' fuq bażi regolari.

#### Kif

Dan il-programm ta' riċerka se jkollu jikber bl-iżvilupp ta' dinjiet virtwali. Se jkun obbligatorju għall-atturi industrijali, li jwasslu dawn it-teknoloġiji sal-maturità tas-suq, biex jaħdmu fi sħubija mal-programm. L-atturi industrijali jista' jkollhom ukoll il-programmi ta' riċerka tagħhom stess li jiġu mmonitorjati u evalwati mill-Unjoni Ewropea. L-aċċess għar-riżultati jrid ikun disponibbli għall-pubbliku u trasparenti.

#### Ġustifikazzjoni

Appoġġ għal din ir-rakkomandazzjoni. Ma għandniex bżonn nirrepetu l-iżbalji tal-passat, għandna bżonn tar-riċerka biex nifhmu l-impatt ta' dinjiet virtwali fuq saħħitna.



## Rakkomandazzjoni 15

## Indikaturi għal dinjiet virtwali sani, inklużivi, trasparenti u sostenibbli

### Xiex

Nirrakkomandaw li jiġu implimentati indikaturi li jistgħu jkejlu l-impatti soċjali, ambjentali, mentali u fuq is-saħħa fiżika tal-użu ta' dinjiet virtwali.

### Min

Esperti minn oqsma differenti jużaw ir-riżultati tal-programmi ta' riċerka biex jelaboraw l-indikaturi. Bord ta' esperti jelabora r-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq dawn l-indikaturi, li jwieġbu għall-istandards Ewropej għal użu professjonali u individwali, biex jakkumpanjaw lill-Istituzzjonijiet Ewropej fit-traduzzjoni tagħha f'politika.

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jistgħu jużaw dawk l-indikaturi biex jelaboraw direttivi ta' politika għall-Istati Membri sabiex jimplimentaw regolamenti fuq livell nazzjonali għall-użu professjonali u individwali. Dawn il-politiki jistgħu jiġu ispirati minn dak li sar f'oqsma oħra ta' politika (eż. it-tabakk, l-alkoħol, u t-twissijiet dwar id-drogi).

Il-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-industrija (eż., il-kumpaniji) iridu jirrispettaw dawn l-istandards Ewropej.

### Kif

Dawn l-indikaturi se jkunu meħtieġa jevolvu maż-żmien bir-riċerka u billi jiżguraw id-disseminazzjoni trasparenti u l-aċċess miftuħ għall-informazzjoni. Dawn l-indikaturi jistgħu jgħinu fl-introduzzjoni ta' standards ta' ċertifikazzjoni għall-kumpaniji biex jikkonformaw magħhom, meta jipprovdu s-servizzi (b'attenzjoni partikolari għas-saħħa). Dan huwa rilevanti għall-kumpaniji li jipprovdu għodod għall-metavers u għall-kumpaniji l-oħrajn kollha biex jiżguraw li l-ħaddiema tagħhom jibbenefikaw minn użu sigur u professjonali tad-dinjiet virtwali.

### Ġustifikazzjoni

Nappoġġa din ir-rakkomandazzjoni għaliex il-litteriżmu u s-sensibilizzazzjoni jistgħu jsalvawna mit-theddid potenzjali kkawżat mill-espansjoni tad-dinjiet virtwali.



# Suġġett: Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

## Rakkomandazzjoni 16

## Id-dinjiet virtwali jaġixxu fuq l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni — "Int, jien u l-metavers"

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw linja gwida dwar kif tkun ċittadin diġitali — regoli tajbin dwar kif taġixxi fid-dinjiet virtwali.

### Min

L-UE għandha toħloq linji gwida billi taħtar bord ta' esperti, li jinkludi esperti minn oqsma differenti, riċerkaturi/universitajiet, kumpaniji, gvernijiet nazzjonali, u l-utenti tal-metavers. Ir-rwol ta' kull attur huwa dan li ġej:

- L-UE: toħloq panel ta' esperti biex jiżviluppaw il-linji gwida u jagħmlu dibattitu pubbliku dwar dan, tinkludi liċ-ċittadini fid-dibattitu
- Il-Gvernijiet nazzjonali: iridu jiżguraw li l-linji gwida jintużaw fl-edukazzjoni u li jikkomunikaw dwarhom b'mod ġenerali.
- Ir-riċerkaturi/l-universitajiet: isegwu l-iżvilupp u jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet.
- Il-kumpaniji: isegwu l-linji gwida biex jiżguraw is-sikurezza tal-utenti.
- L-utenti tal-metavers: iċ-ċittadini huma responsabbli li jkunu attivi fid-dibattitu u fl-iżvilupp tal-linji gwida u l-politiki.

### Kif

Il-linji gwida għandhom, fost l-oħrajn (għad iridu jiġu żviluppati), jinkludu:

- X'inhu l-metavers, u kif jista' jintuża
- Kif ma tikkondividix id-*data* li ma tridx tikkondividi (cookies, eċċ.)
- Evita l-miżinformazzjoni
- Id-dmirijiet li tagħti informazzjoni korretta
- Kif ma tagħmilx ħsara lill-ambjent
- Id-drittijiet li għandek u kif tista' tiddefendihom (x'inhuma l-possibbiltajiet)
- Ir-riskji possibbli għas-saħħa

Il-linji gwida għandhom jixxerdu b'diversi modi: permezz ta' kampanji formali ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



## Rakkomandazzjoni 17

## Id-*data* tiegħi mhijiex id-*data* tiegħek — “Id-*data* t-tajba fl-idejn it-tajba”

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw it-“termini u kundizzjonijiet” għal kumpaniji dwar kif jiggarantixxu s-sigurtà tad-*data* personali u t-trasparenza għaċ-ċittadini.

### Min

L-UE għandha tagħmel qafas dwar id-dinjiet virtwali u dwar il-protezzjoni tad-*data* u t-trasparenza.

- L-UE: għandha tagħmel att legali speċifikament dwar id-dinjiet virtwali (fil-każ li dan ma jkunx diġà kopert)
- Il-gvernijiet nazzjonali: għandhom jimplimentaw id-direttiva u jtejbu l-konformità tal-kumpaniji
- Ir-riċerkaturi/l-universitajiet: għandhom jiġu inklużi l-esperti legali, ekonomiċi, tal-etika u tad-drittijiet tal-bniedem biex jagħtu għarfien u inputs
- Il-kumpaniji: għandhom isegwu u jikkonformaw mal-oqsma kurrenti u ġodda
- L-utenti tal-metavers: iċ-ċittadini għandhom ikunu attivi fid-dibattitu u fl-iżvilupp tal-politiki.

### Kif

Neħtieġu att legali tal-UE dwar x’tip ta’ *data* personali jistgħu jiġbru u jużaw il-kumpaniji, u kif għandhom jinfurmaw dwar x’jagħmlu biha.

Il-kumpaniji għandhom jinfurmaw lin-nies dwar dan b’mod qasir, ċar u li jinftiehem (aċċessibbli għal kulħadd). Huma għandhom jagħtu informazzjoni dwar:

- X’*data* qed tinġabar
- Kif u jekk hix se titħassar
- Kemm se ddum għandhom
- Kif u fejn għandha tinħażen id-*data*
- Flessibbiltà dwar liema *data* tixtieq tikkondividi biex tuża l-pjattaformi online.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



# Suġġett: L-identità diġitali f'dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 18

## Żvilupp tal-infrastruttura diġitali

### Xiex

Nirrakkomandaw li jiġi żgurat aċċess ugwali għat-teknoloġiji diġitali, permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' żvilupp infrastrutturali wiesa'. Dan il-pjan għandu jiffoka fuq żvilupp affordabbli, finanzjabbli aċċessibbli għal kulħadd.

### Min

Nittamaw li fil-futur, iċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għal internet ta' kwalità tajba u bla ħlas, ipprovdut minn kumpaniji privati. Jekk dan ma jkunx il-każ, pereżempju f'żoni rurali fejn dan ma jirrendix qligħ għall-kumpaniji privati, l-UE għandha tieħu l-inizjattiva u tipprovdi konnessjoni tal-internet.

### Kif

Jeħtieġ li l-UE tinvesti fl-edukazzjoni tal-inġiniera, għalhekk għandna d-dritt u l-forza tax-xogħol meħtieġa biex nimplimentaw u nistabbilixxu aċċess għall-internet għal kulħadd. Ir-rakkomandazzjoni trid tiġi implimentata bis-sħiħ sal-2031, iżda jeħtieġ ukoll li sa dakinhar, nilħqu ċerti sottomiri. Pereżempju, mira għal meta jkun hemm l-internet fl-ibliet il-kbar kollha, fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha eċċ.

### Ġustifikazzjoni

Biex tinħoloq dinja virtwali Ewropea, il-punt tat-tluq huwa li tiġi żgurata konnessjoni ugwali għal kull ċittadin Ewropew. Għalhekk, huwa meħtieġ pjan ta' żvilupp tal-infrastruttura diġitali fuq livell tal-UE.

L-isfida ewlenija hija l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-UE u l-Istati Membri. Għandha tkun l-UE jew l-Istati Membri li jiffinanzjaw u jimplimentaw dan il-pjan?

Barra minn hekk, hi meħtieġa skeda ta' żmien b'saħħitha biex ix-xewqat jinbidlu f'realtà, u għalhekk il-grupp iddeċieda li jistabbilixxi l-2031 bħala skadenza.



## Rakkomandazzjoni 19

### Jeħtieġ li l-UE tiżviluppa regolamenti dwar l-identità diġitali u dwar meta ċ-ċittadini jitħallew jibqgħu anonimi u jiġi żgurat id-dritt tagħhom li jagħmlu dan

#### Xiex

Għandu jkun hemm regolament fil-livell tal-UE dwar meta trid turi l-identità tiegħek u meta tista' tkun anonimu fid-dinja diġitali. Meta nitkellmu dwar divertiment, rikreazzjoni, jew riċerka, għandu jkun possibbli li nibqgħu anonimi. Madankollu, meta jkun kruċjali li l-identità ta' xi ħadd tkun magħrufa, għandu jkun obbligatorju li tawtentika lilek innifsek b'identifikazzjoni diġitali. Pereżempju, meta tittrasferixxi l-flus, meta tirreferi għal servizzi tal-gvern jew meta tixtri oġġetti speċifiċi fejn tintalab liċenzja jew limitu ta' età.

#### Min

L-UE trid timplimenta regolament li jkun konformi mat-tendenzi globali, u l-fornituri tas-servizzi jridu jirrispettawh.

L-UE għandha taħdem fil-livell internazzjonali u diplomatiku, biex tikkondividi s-sensibilizzazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra. L-Istati Membri se jkollhom jissorveljaw din l-evoluzzjoni u jirrappurtaw ksur potenzjali.

#### Kif

Huwa diffiċli li wieħed jara kif din ir-rakkomandazzjoni importanti tista' tiġi implimentata. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE tibda billi tappoġġa r-riċerka fuq dan is-suġġett. Barra minn hekk, iċ-ċittadini jeħtieġu edukazzjoni dwar xi tfisser l-anonimità, u dwar kif qed tintuża d-*data* tagħna. Barra minn hekk, huwa importanti li jkun hemm xi konsegwenzi/sanzjonijiet jekk il-fornituri tas-servizz jiksru r-regolamenti.

#### Ġustifikazzjoni

Il-kwistjoni tal-anonimità hija kruċjali għall-grupp. Madankollu, l-anonimità hija kwistjoni diversa ħafna, li jeħtieġ li tiġi tradotta għal varjetà ta' sitwazzjonijiet. Għalhekk, huwa meħtieġ grad ta' flessibilità u adattabilità, sabiex jiġu ppreservati l-libertà, atteġġjament ta' ħbiberija u t-trasparenza.



# Suġġett: Konnettività u aċċess għal dinjiet virtwali

## Rakkomandazzjoni 20

## Aċċessibbiltà għal kulħadd — ħadd ma jitħalla jibqa’ lura

### Xiex

Nirrakkomandaw li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom ikunu kapaċi, teknikament, u proċeduralment, jaċċessaw u jagħmlu użu mill-possibilitajiet tal-metavers, skont il-ħtiġijiet, ix-xewqat u l-interessi tagħhom.

### Min

Irridu li l-metavers jissawwar b’kollaborazzjoni infurmata bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-entitajiet privati, u s-soċjetà ċivili. L-UE għandha tieħu r-responsabbiltà li tiggarantixxi opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha tal-UE fil-metavers.

### Kif

Neħtieġu oqfsa istituzzjonali u legali li jiżguraw l-użu sikur u l-protezzjoni tad-drittijiet ċivili.

L-aċċessibbiltà hija responsabbiltà kondiviża tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-entitajiet privati, u tas-soċjetà inġenerali. It-tliet atturi għandhom jesploraw flimkien b’mod kontinwu, l-implikazzjonijiet tal-metavers biex iżommu oqfsa xierqa.

L-UE għandha taħdem biex tiżgura li l-metavers jevolvi skont il-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha (inkluż il-gruppi emarġinati, il-minoranzi, eċċ.).

Nirrakkomandaw li kull ċittadin tal-UE jingħata aċċess għall-ħiliet u t-tagħmir xieraq biex juża l-metavers faċilment.

Kulħadd għandu jkollu l-libertà li jiddeċiedi jekk jiħux sehem (jew le) fil-pjattaformi taċ-ċittadini fil-metavers, mingħajr ir-riskju li jiġi eskluż.

### Ġustifikazzjoni

Fil-qalba ta’ din ir-rakkomandazzjoni hemm l-ekwità u l-ugwaljanza, valuri fundamentali tas-soċjetajiet demokratiċi.

Din ir-rakkomandazzjoni tqis diversi aspetti relatati mal-aċċessibbiltà.



## Rakkomandazzjoni 21

## Oqfsa legali għat-trasparenza u l-protezzjoni ta' kulħadd fil-metavers — il-prijoritizzazzjoni ta' gruppi vulnerabbli

### Xiex

Aħna nirrakkomandaw oqfsa legali ċari infurmati b'riċerka kontinwa dwar l-użu sikur u pożittiv tal-metavers.

### Min

L-esperti legali tal-UE u t-teknokratiċi tal-UE.

### Kif

L-oqfsa għandhom jiggarantixxu l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli (tfal, anzjani, persuni mhux emanċipati) kontra l-manipulazzjoni u t-theddid. Dawn l-oqfsa għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet legali, identifikati mill-gruppi ta' ħidma.

L-oqfsa għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għal riċerka kontinwa dwar l-effetti pożittivi u negattivi tal-metavers, inklużi iżda mhux limitati għal:

- → Biża' mid-dipendenza
- → Impatt fuq is-saħħa
- → Il-biża' li xi gruppi/reġjuni jitħallew barra jew jitħallew lura
- → Impatt fuq is-swieq tax-xogħol

It-trasparenza u l-protezzjoni għandhom ikunu riflessi fl-investimenti li huma appoġġati mill-UE.

### Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni taċ-ċittadini hija importanti immens — iżżomm sikur:

- → lilna nfusna,
- → l-identitajiet tagħna,
- → lil dawk li huma vulnerabbli

Is-sikurezza trid tkun il-prijorità tagħna**.**

Huwa essenzjali li jitħarsu d-drittijiet ta' kulħadd. Speċjalment tal-persuni vulnerabbli.

Regoli tajbin jimminimizzaw ir-riskju ta' attività kriminali u ta' ħsara fil-metavers.

Ir-regolament tal-UE għandu l-potenzjal li jistabbilixxi eżempju/standard globali.



# Suġġett: Kooperazzjoni u standards internazzjonali

## Rakkomandazzjoni 22

## Tikketti/ċertifikati tal-UE dwar l-applikazzjonijiet ta’ dinjiet virtwali

### Xiex

Nirrakkomandaw lill-UE tintroduċi tikketti/ċertifikazzjonijiet li jinftiehmu faċilment u li huma aċċessibbli għall-applikazzjonijiet tad-dinjiet virtwali, biex jiġi żgurat li huma siguri u affidabbli.

### Min

L-UE, f’kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati bħar-riċerkaturi, l-esperti, in-negozji/il-kumpaniji u l-gvernijiet lokali.

### Kif

L-introduzzjoni ta’ tikketti/ċertifikazzjonijiet standardizzati għall-applikazzjonijiet ta’ dinjiet virtwali madwar l-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-utenti. Permezz tat-tikketti/ċertifikazzjonijiet, in-nies għandhom jiġu infurmati dwar is-sikurezza, is-sigurtà u l-affidabbiltà tal-applikazzjoni.

It-tikketta/ċertifikazzjoni għandha tkun tinftiehem faċilment (eż., smileys, ittri: A-B-C-D). Huwa importanti li kull utent jiġi infurmat dwar it-tikketta/ċertifikazzjoni ta’ applikazzjoni qabel ma jużaha. It-tikketta/ċertifikazzjoni għandha sservi bħala gwida għan-nies, li abbażi tagħha n-nies għandhom ikunu liberi li jagħżlu jekk jiddeċidux li jużaw l-applikazzjoni jew le. Għandna nagħmlu s-settur tat-tikketti/ċertifikazzjonijiet speċifiku jekk ikun meħtieġ.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



## Rakkomandazzjoni 23

## L-UE bħala attur/pijunier b'saħħtu fid-dinjiet virtwali

### Xiex

Nirrakkomandaw li l-Istati Membri tal-UE jingħaqdu biex isiru attur/pijunier komuni b'saħħtu fil-kontroll, fis-sorveljanza u fir-regolamentazzjoni tad-dinjiet virtwali, biex iżommu l-valuri demokratiċi tagħna u jxerrduhom lejn pajjiżi oħra.

### Min

Il-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

### Kif

L-UE għandha ssir pijunier billi tistabbilixxi l-qafas għal dinjiet virtwali bbażati fuq il-valuri demokratiċi tagħna. Billi toħloq qafas li joħloq il-prosperità fl-UE, dan se jservi bħala mudell għal reġjuni u pajjiżi oħra. L-UE għandha toħloq inċentivi biex tappoġġa u tistimula s-sostenibbiltà u t-tkabbir. L-UE għandha tkun qed taħdem flimkien f'unità biex issir eżempju għal pajjiżi u reġjuni oħra. Barra minn hekk, l-UE għandha tneħħi l-ostakli għall-parteċipazzjoni f'dinjiet virtwali, bħall-ħolqien ta' infrastruttura suffiċjenti u affidabbli.

### Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ma pprovdewx ġustifikazzjoni.



# 3. VALUTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Iċ-ċittadini vvalutaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha fuq skala ta' 1 – 6. Il-valur 1 ifisser "*Ma naqbilx/Ma nappoġġax*" ir-rakkomandazzjoni u l-valur 6 ifisser "*Naqbel ħafna/Nappoġġa bis-sħiħ*"

| Nru | RAKKOMANDAZZJONI | Medju |
|---|---|---|
| 1 | Is-swieq tax-xogħol fid-dinjiet virtwali Ewropej | 5,0 |
| 2 | Il-ħolqien ta' taħriġ armonizzat għax-xogħol fid-dinjiet virtwali | 5,0 |
| 3 | Rieżami regolari tal-linji gwida rilevanti eżistenti tal-UE għal dinjiet virtwali | 4,8 |
| 4 | Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' dinjiet virtwali | 4,8 |
| 5 | Fora parteċipattivi għal żviluppi, regolamenti u standards konġunti | 4,8 |
| 6 | Ċertifikazzjoni ta' kumpaniji u utenti għad-dinjiet virtwali | 4,8 |
| 7 | "Kuritur", jew "grada" faċli għall-utent fil-metavers biex jagħti l-kunsens għall-użu ta' *data* magħżula | 5,0 |
| 8 | Pulizija biex taġixxi u tipproteġi fid-dinjiet virtwali | 4,8 |
| 9 | L-Intelliġenza Artifiċjali bħala appoġġ għall-pulizija f'dinjiet virtwali | 4,1 |
| 10 | Taħriġ għall-għalliema fuq id-dinjiet virtwali u l-għodod diġitali | 5,5 |
| 11 | Aċċess liberu għall-informazzjoni dwar għodod diġitali u għal dinjiet virtwali għaċ-ċittadini kollha tal-UE | 5,3 |
| 12 | Għal dinjiet virtwali ċirkolari: id-drittijiet u r-responsabbiltà taċ-ċittadini u tal-industriji | 4,8 |
| 13 | Dinjiet virtwali ekoloġiċi b'enerġija rinnovabbli u trasparenti | 4,8 |
| 14 | Dinjiet virtwali, ejjew nibnu futur b'saħħtu flimkien b'mod responsabbli! | 5,3 |
| 15 | Indikaturi għal dinjiet virtwali sani, inklużivi, trasparenti u sostenibbli | 5,0 |
| 16 | Id-dinjiet virtwali jaġixxu fuq l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni — "Int, jien u l-metavers" | 5,1 |
| 17 | Id-*data* tiegħi mhijiex id-*data* tiegħek — "Id-*data* t-tajba fl-idejn it-tajba" | 5,3 |
| 18 | Żvilupp tal-infrastruttura diġitali | 5,3 |
| 19 | L-UE jeħtieġ li tiżviluppa regolamenti dwar l-identità diġitali u dwar meta jkun permess u jiġi żgurat id-dritt li ċ-ċittadini jibqgħu anonimi | 5,4 |
| 20 | Aċċessibbiltà għal kulħadd — ħadd ma jitħalla jibqa' lura | 4,9 |
| 21 | Oqfsa legali għat-trasparenza u l-protezzjoni ta' kulħadd fil-metavers - il-prijoritizzazzjoni ta' gruppi vulnerabbli | 4,9 |
| 22 | Tikketti/ċertifikati tal-UE dwar l-applikazzjonijiet ta' dinjiet virtwali | 5,2 |
| 23 | L-UE bħala attur/pijunier b'saħħtu fid-dinjiet virtwali | 5,0 |

## KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

### Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),

— fuq dan in-numru standard: +32 22999696,

— permezz ta' din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

## KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

### Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications.
Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

### *Data* miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta' settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea


| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-68-06572-3 | doi:10.2775/907692 | NA-09-23-365-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-06575-4 | doi:10.2775/562143 | NA-09-23-365-MT-N |